KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fl-20 ta' Ġunju 2019[1]

**Kawża C-192/18**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**Ir-Repubblika tal-Polonja**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Proċedura ġudizzjarja effettiva stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE — Indipendenza u imparzjalità tal-qrati — Inammissibbiltà tal-ilment tal-Kummissjoni Ewropea bbażata fuq l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 157 TFUE — Artikoli 5(a) u 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54/KE — Introduzzjoni ta' età tal-irtirar differenti għall-irġiel minn dik għan-nisa għal imħallfin fil-qrati ordinarji, imħallfin fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), jew avukati tal-Istat — Tnaqqis tal-età tal-irtirar għal imħallfin fil-qrati ordinarji u l-għoti fl-istess ħin lill-Ministru għall-Ġustizzja tas-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perijodu tal-mandat ta' mħallfin individwali"

## I. Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-Kummissjoni Ewropea tat bidu għal proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika tal-Polonja skont l-Artikolu 258 TFUE bbażata fuq żewġ motivi. L-ewwel nett, il-Kummissjoni Ewropea ssostni li bl-introduzzjoni, fil-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-ustawa z dnia 12 lipca 2017 r. o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi tat-12 ta' Lulju 2017 li temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u ċerti liġijiet oħra, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-12 ta' Lulju 2017")[2] l-età tal-irtirar ta' 60 sena għan-nisa u ta' 65 sena għall-irġiel, meta din kienet preċedentement 67 għaż-żewġ sessi, għal imħallfin fil-qrati ordinarji, u avukati tal-Istat u mħallfin fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 157 TFUE, u skont l-Artikoli 5(a) u 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol[3].

2. It-tieni nett, il-Kummissjoni ssostni li l-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), bit-tnaqqis, fil-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-Liġi tat-12 ta' Lulju 2017, tal-età tal-irtirar ta' mħallfin tal-qrati ordinarji, filwaqt li fl-istess ħin, fil-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 ta' din l-istess liġi, tat lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perijodu tal-mandat ta' mħallfin individwali ta' dawn il-qrati.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 Dz. U. tal-2017, titlu 1452.
3 ĠU 2006, L 204, p. 23.

3. L-ewwel ilment tal-Kummissjoni huwa ġdid, fis-sens li d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess għadha ma dehritx fil-kawżi li nstemgħu mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-riformi għar-regoli tal-irtirar tal-imħallfin Pollakki li ġew introdotti fl-2017[4], riformi li qajmu ħafna kritika fuq livell internazzjonali[5]. Dawn ir-riformi kienu s-suġġett, kif indikajt fil-konklużjonijiet ippreżentati minni fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18)[6], ta' proposta mmotivata mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 7(1) TUE dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja[7].

4. Fir-rigward tat-tieni lment, sal-punt fejn dan jikkonċerna l-awtorità tal-Kummissjoni li tibbaża fuq l-Artikolu 47 tal-Karta fi proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, u l-kontenut tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, din il-kwistjoni ġiet indirizzata fid-dettall fil-konklużjonijiet tiegħi tal-11 ta' April 2019 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18)[8]. F'din is-sentenza kkonkludejt li jekk Stat Membru ma jimplimentax id-ditt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża l-ilment tagħha fuq l-Artikolu 47 tal-Karta f'appell dirett skont l-Artikolu 258 TFUE.

5. Għalhekk, fir-rigward tat-tieni motiv, l-analiżi tiegħi ser tiffoka fuq jekk ir-regoli inkwistjoni jiksrux it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, peress li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi manifestazzjoni konkreta tar-rispett għall-istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE[9]. Sejjer nindika wkoll is-sorsi tad-dritt li fuqhom tista' tkun ibbażata din l-evalwazzjoni, sorsi li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE għandu komuni ma' dawk li jiddeterminaw il-kontenut tad-dritt għal "qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi" li jinsab fl-Artikolu 47 tal-Karta. Dawn is-sorsi komuni jifformaw "pont" kostituzzjonali bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, kif ser jintwera iktar 'il quddiem fil-Parti VI C, b'tali mod li l-ġurisprudenza żviluppata abbażi ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet inevitabbilment huma marbuta ma' xulxin[10].

4 Hemm diversi iktar kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja relatati mar-riforma tal-ġudikatura Pollakka, inklużi talbiet għal deċiżjonijiet preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) (Kawżi C-522/18, C-537/18, C-585/18, C-624/18, C-625/18 u C-668/18), min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema) (Kawża C-824/18) u mill-qrati inferjuri Pollakki (Kawżi C-558/18, C-563/18 u C-623/18). Ara wkoll id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-619/18, EU:C:2018:910), u l-konklużjonijiet tiegħi f'din il-kawża, EU:C:2019:325). Il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u l-kwistjoni tal-età tat-tmiem obbligatorju tal-impjieg applikabbli għall-imħallfin ġew eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-286/12, EU:C:2012:687).

5 Ara l-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (imsejħa "Kummissjoni ta' Venezia"), Opinjoni Nru 904/2017 tal-11 ta' Diċembru 2017 dwar l-Abbozz ta' Liġi li Jemenda l-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura; dwar l-Abbozz ta' Liġi li Jemenda l-Liġi dwar il-Qorti Suprema, proposti mill-President tar-Repubblika tal-Polonja, u dwar il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, CDL-AD(2017)031; il-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati dwar il-missjoni tiegħu fil-Polonja tal-5 ta' April 2018, A/HRC/38/38/Add.1; Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, Opinjoni dwar Ċerti Dispożizzjonijiet tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-Polonja (mis-26 ta' Settembru 2017) tat-13 ta' Novembru 2017, JUD-POL/315/2017.

6 EU:C:2019:325.

7 COM(2017)835 final tal-20 ta' Diċembru 2017. Ara l-analiżi fil-punti 48 sa 51 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:325). F'din il-proposta mmotivata, il-Kummissjoni tikkritika l-liġijiet li ġejjin: il-Liġi tal-11 ta' Mejju 2017 li temenda l-Liġi dwar l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, kif ukoll ċerti liġijiet oħra (Dz. U. tal-2017, titlu 1139, kif emendata), il-Liġi tat-12 ta' Lulju 2017 (Dz. U. tal-2017, titlu 1452, kif emendata), il-Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-Qorti Suprema (Dz. U. tal-2018, titlu 5, kif emendata) u l-Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017 li temenda l-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura u ċerti liġijiet oħra (Dz. U. tal-2018, titlu 3, kif emendata).

8 EU:C:2019:325. Jiena ser nuża t-terminu "protezzjoni ġudizzjarja effettiva" matul dawn il-konklużjonijiet, b'konformità mat-test tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, filwaqt li nirrikonoxxi li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni, flimkien mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u mal-Artikolu 4(3) TUE, tiggarantixxi "protezzjoni *ġudizzjarja* effettiva", (enfasi miżjuda minni). Ara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 34. "[L]-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw lill-partijiet l-osservanza tad-dritt tagħhom għal protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni".

9 Ara, għal analiżi tal-kummentarji reċenti dwar l-ammissjoni tal-Artikolu 2 TUE bħala dispożizzjoni li tiġbor fiha normi suxxettibbli li jiġu ssanzjonati fil-ġustizzja, b'mod partikolari, Jacqué, J.-P., "État de droit et confiance mutuelle", *RTDE* April/Ġunju 2018, p. 239, kif ukoll Adam, S., u Van Elsuwege, P., "L'exigence d'indépendance du juge, paradigme de l'Union européenne comme union de droit", 2018, 2018, *Journal de droit européen*, p. 334. Minbarra l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura fil-kuntest tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, dawn iż-żewġ kontribuzzjonijiet jikkonċernaw il-konsegwenza ta' dan l-iżvilupp fil-ġurisprudenza għall-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56) u l-konklużjonijiet tiegħi f'dik il-kawża, EU:C:2018:517.

10 Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56).

6. F'din l-istess parti, sejjer neżamina f'iktar dettall id-differenzi bejn it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta u, b'mod partikolari, il-minimu ta' ksur tal-Artikolu 19(1) TUE li jrid jirriżulta qabel ma din id-dispożizzjoni tista' tiġi invokata bħala ksur indipendenti tal-irremovabbiltà u tal-indipendenza tal-imħallfin, indipendentement mill-Karta.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

7. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19 TUE jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni."

8. L-Artikolu 157(1), (2) u (4) TFUE jipprevedi:

"1. Kull Stat Membru għandu jassigura li l-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, għandu jkun applikat.

2. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, 'paga' tfisser il-paga jew is-salarju komuni bażiku jew minimu u kwalunkwe remunerazzjoni oħra, sew jekk fi flus jew in natura, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, għall-impjieg tiegħu, minngħand min iħaddmu.

Paga ugwali mingħajr diskriminazzjoni ibbażata fuq is-sess tfisser:

a) dik il-paga għall-istess xogħol bl-imqieta għandha tkun ikkalkulata fuq il-bażi ta' l-istess unità ta' kejl;

b) dik il-paga għal xogħol li jitħallas bil-ħin tkun l-istess għall-istess xogħol.

[…]

4. Bl-għan li tkun assigurata l-ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament indaqs m'għandux ifixkel lil xi Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi sabiex jagħmilha aktar faċli għal dak is-sess li jkun anqas rappreżentat sabiex jfittex attività professjonali jew sabiex jipprevjeni jew jikkumpensa għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali."

9. L-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali [11] jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jeskludu mill-għan tagħha:

(a) l-iffissar ta' età tal-pensjoni sabiex jingħataw pensjonijiet ta' l-anzjanità u rtirar u l-konsegwenzi li jistgħu jiġu minnhom għall-benefiċċji l-oħra".

11 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215.

10. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54, huwa intitolat "Azzjoni posittiva" u jipprevedi:

"L-Istati Membri jistgħu izommu jew jadottaw mizuri fis-sens ta' l-Artikolu 141(4) tat-Trattat bil-ħsieb li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol."

11. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/54, huwa intitolat "Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni" u jipprevedi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali skemi u l-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għalihom;"

[…]"

12. L-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54 jipprevedi:

"1. Dispożizzjonijiet kuntrarji għall-prinċipju ta' trattament ugwali għandhom jinkludu dawk ibbażati fuq is-sess, jew direttament jew indirettament, sabiex:

[…]

(f) ikunu ffissati etajiet differenti ta' l-irtirar".

### *B. Id-dritt Pollakk*

13. L-ilment tal-Kummissjoni jirrelata mal-Liġi tat-12 ta' Lulju 2017. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Liġi ta' Emenda li huma rilevanti għal din il-kawża huma l-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 u l-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13, li jikkonċernaw it-tliet liġijiet elenkati hawn isfel.

#### *1. Il-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji*

14. Skont l-Artikolu 69(1) tal-Liġi tas-27 ta' Lulju 2001 dwar is-Sistema ta' Qrati Ordinarji (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Qrati Ordinarji"), l-età tal-irtirar normali [12] għall-imħallfin kienet ta' 67 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Din kienet tista' tiġġedded fuq talba bil-miktub tal-imħallef ikkonċernat lill-Ministru għall-Ġustizzja, u fuq il-preżentazzjoni lill-istess Ministru ta' ċertifikat ta' saħħa tajba. Fis-16 ta' Novembru 2016, id-dispożizzjoni rilevanti ġiet emendata [13] u l-età tal-irtirar tnaqqset għal 65 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, li tista' tiġġedded għal perijodu qasir fuq talba bil-miktub tal-imħallef ikkonċernat lill-istess Ministru u l-provvista tal-istess ċertifikat mediku. Din l-emenda kellha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017.

15. Madankollu, l-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 għal darba oħra emenda d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-età tal-irtirar u stabbilixxa din l-età fil-livell ta' 60 sena għan-nisa u 65 sena għall-irġiel. Skont il-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, dan l-artikolu daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017.

12 Fl-ordinament ġuridiku Pollakk, l-imħallfin u l-avukati tal-Istat ma jirtirawx iżda (letteralment) "jgħaddu għal fażi ta' mistrieħ" — dawn jieqfu mit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom iżda jżommu ċerti drittijiet u privileġġi.

13 L-Ustawa o zmianie ustawy o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych (il-Liġi li temenda l-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Irtirar u Pensjonijiet Oħra li jitħallsu mill-Fond tas-Sigurtà Soċjali) tas-16 ta' Novembru 2016 (Dz. U. tal-2017, titlu 38).

16. L-Artikolu 69(1) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, kif emendat mil-Liġi ta’ Emenda ta’ Lulju 2017[14], daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ottubru 2017 u jipprevedi:

“Imħallef, fil-każ tan-nisa, għandha tirtira meta tagħlaq 60 sena jew, fil-każ tal-irġiel, meta jagħlaq 65 sena, sakemm, mhux iktar tard minn sitt xhur u mhux qabel tnax-il xahar qabel ma jagħlqu din l-età, huwa jew hija jissottomettu stqarrija lill-Ministru għall-Ġustizzja li tindika x-xewqa tiegħu jew tagħha li jkomplu fil-kariga tiegħu jew tagħha u jippreżentaw ċertifikat, maħruġ skont ir-regoli speċifikati għall-kandidati li japplikaw għal kariga ġudizzjarja, li jikkonferma li s-saħħa tiegħu jew tagħha ma hijiex impediment għat-twettiq tal-funzjonijiet ta’ mħallef.”

17. Il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-Liġi ta’ Emenda ta’ Lulju 2017 żied ukoll paragrafu 1b ġdid mal-Artikolu 69 tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji u emenda l-formulazzjoni tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 69. L-Artikolu 69(1b) jipprevedi:

“Il-Ministru għall-Ġustizzja jista’ jagħti l-kunsens tiegħu biex imħallef ikompli fil-kariga tiegħu, b’teħid inkunsiderazzjoni tal-użu razzjonali tal-persunal tal-qrati ordinarji u l-bżonnijiet li jirriżultaw mill-ammont ta’ xogħol ta’ qrati individwali. F’sitwazzjoni fejn il-proċedura marbuta mal-kontinwazzjoni tal-imħallef fil-kariga tiegħu għadha ma waslitx fi tmiemha wara li jagħlaq l-età msemmija f’§ 1, l-imħallef għandu jibqa’ fil-kariga tiegħu sakemm din il-proċedura tintemm […]”

18. L-Artikolu 69(3) jipprevedi:

“Fil-każ li l-Ministru għall-Ġustizzja jagħti l-kunsens imsemmi fl-Artikolu 69(1b), imħallef jista’ jkompli fil-kariga tiegħu biss sakemm jagħlaq 70 sena. Dan l-imħallef jista’ jirtira wara li jagħti notifika ta’ tliet xhur, billi jippreżenta stqarrija lill-Ministru għall-Ġustizzja f’dan ir-rigward. Il-perijodu ta’ preavviż għandu jiġi mġedded bil-leave annwali miksub iżda mhux meħud sat-tmiem ta’ dan il-perijodu ta’ preavviż. Fuq it-talba tal-imħallef, il-Ministru għall-Ġustizzja jista’ jagħti l-kunsens tiegħu għall-irtirar ta’ dan l-imħallef qabel it-tmiem tal-perijodu ta’ preavviż.”

19. Fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-imħallfin, l-Artikolu 91 tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji jipprevedi:

“1. Il-livell ta’ remunerazzjoni tal-imħallfin li jokkupaw karigi ġudizzjarji ekwivalenti għandu jsirlu distinzjoni skont it-tul ta’ servizz jew il-funzjonijiet imwettqa […]

2. Is-salarju bażiku ta’ mħallef għandu jkun espress fi gradi, li l-livell tagħhom għandu jiġi ddeterminat permezz tal-applikazzjoni ta’ fatturi ta’ multiplikazzjoni għall-bażi ta’ determinazzjoni tas-salarju bażiku msemmi f’§ 1(c). Il-gradi tas-salarju bażiku ta’ karigi ġudizzjarji individwali u l-fatturi ta’ multiplikazzjoni użati biex jiġi ddeterminat il-livell tas-salarju bażiku ta’ mħallfin fi gradi individwali huma stabbiliti fl-anness ta’ din il-liġi […].

7. Iktar minn hekk, ir-remunerazzjoni tal-imħallfin għandu jsirilha distinzjoni ta’ allowance għall-anzjanità li tammonta, mis-sitt sena ta’ servizz, għal 5 % tas-salarju bażiku u li tiżdied kull sena b’1 % sakemm tilħaq l-20 % tas-salarju bażiku.

[…]”

14 L-Artikolu 13 tal-Liġi ta’ Emenda ta’ Lulju 2017.

20. L-Artikolu 91a(2) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji jipprevedi:

"Jekk qabel ma jassumi pożizzjoni ġudizzjarja mħallef kien jokkupa kariga ġudizzjarja oħra jew pożizzjoni ta' avukat tal-Istat ekwivalenti għal dik il-pożizzjoni, huwa għandu jkun intitolat, fil-kariga l-ġdida tiegħu, għal salarju bażiku fi grad mhux inqas mill-grad li kien intitolat fil-kariga li kien jokkupa qabel."

21. L-Artikolu 91a(3) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji jipprevedi:

"Is-salarju bażiku ta' mħallef għandu jiġi stabbilit mill-ogħla grad sussegwenti wara l-konklużjoni ta' ħames snin servizz f'kariga ġudizzjarja partikolari."

22. L-Artikolu 100(1), (2), (4)(a) u (4)(b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, kif emendat mill-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 jipprevedi:

"1. Imħallef li kellu jirtira minħabba tibdiliet fis-sistema tal-qrati jew tibdiliet fil-konfini tad-distretti ġudizzjarji għandu jkun intitolat, fil-każ tan-nisa, sakemm l-imħallef tagħlaq l-età ta' 60 sena, u, fil-każ tal-irġiel, sakemm l-imħallef jagħlaq 65 sena, għal remunerazzjoni fl-ammont ta' remunerazzjoni rċevuta fil-kariga okkupata l-iktar reċenti.

2. Imħallef li rtira jew li kellu jirtira fuq il-bażi ta' età, mard jew telf ta' saħħa għandu jkun intitolat għal remunerazzjoni fl-ammont ta' 75 % tas-salarju bażiku u l-allowance għat-tul ta' servizz irċevuta fil-kariga okkupata l-iktar reċenti [...]

4a. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, imħallef irtirat għandu jirċievi ħlas uniku meta, fil-każ tan-nisa, l-imħallef tagħlaq 60 sena, u fil-każ tal-irġiel, meta l-imħallef jagħlaq 65 sena.

4b. Imħallef li rritorna għall-kariga li preċedentement kien jokkupa jew għal kariga ekwivalenti li preċedentement kien jokkupa skont l-Artikolu 71c(4) jew l-Artikolu 74(1a), f'każ li jirtira jew li kellu jirtira, huwa intitolat għal ħlas uniku fl-ammont li jikkonsisti fid-differenza bejn l-ammont tal-ħlas ikkalkolat dakinhar tal-irtirar u l-ammont tal-ħlas diġà mogħti. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 l-imħallef għandu jkun intitolat għall-ħlas meta, fil-każ tan-nisa, l-imħallef tagħlaq l-età ta' 60 sena, u fil-każ tal-irġiel, meta l-imħallef jagħlaq 65 sena."

*2. Il-Liġi tat-23 ta' Novembru 2002 dwar il-Qorti Suprema*

23. L-Ustawa o Sądzie Najwyższym[15] (il-Liġi dwar il-Qorti Suprema, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002") tat-23 ta' Novembru 2002, kif emendata mil-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, hija s-suġġett ta' din il-kawża.

24. Sat-3 ta' April 2018, l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema kienet stabbilita, permezz tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002, għal 70 sena. Madankollu, f'dik id-data din tbaxxiet għal 65 sena[16].

15 Dz. U. tal-2001, Nru. 240, titlu 2052.

16 Fl-20 ta' Diċembru 2017, il-President tar-Repubblika ffirma l-Ustawa z dnia 8 grudnia 2017 r. o Sądzie Najwyższym (il-Liġi tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-Qorti Suprema, Dz. U. tal-2018, titlu 5, kif emendata) li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' April 2018, li permezz tagħha ddaħħlet din l-emenda. Ara l-punti 5 sa 7 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-619/18, EU:C:2019 325).

25. Minkejja dawn id-dispożizzjonijiet, l-Artikolu 30(2) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jinkludi l-faċilità għall-imħallfin biex jagħmlu talbiet għall-irtirar qabel l-età ta' 70 sena. L-età li fiha mħallef tal-Qorti Suprema jista' jressaq talba għall-irtirar ġiet fl-aħħar mill-aħħar emendata bil-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, jiġifieri, din l-età ġiet ridotta għal 60 sena, fil-każ tan-nisa, u għal 65 sena, fil-każ tal-irġiel. Fil-verżjoni preċedentement fis-seħħ, l-Artikolu 30(2) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 kien jipprevedi li 67 sena kienet l-età għas-sottomissjoni ta' talba għall-irtirar. Il-Liġi tas-16 ta' Novembru 2016 iffissat din għal 65 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

26. L-Artikoli 42(4) u (5) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002, li jikkonċernaw ir-remunerazzjoni tal-imħallfin tal-Qorti Suprema, jipprevedu:

"4. Ir-remunerazzjoni ta' mħallef tal-Qorti Suprema għandha tiġi espressa bħala l-grad bażiku jew il-grad ta' promozzjoni. Il-grad ta' promozzjoni għandu jkun 115 % tal-grad awtomatiku.

5. Imħallef tal-Qorti Suprema, mad-dħul tiegħu fis-servizz, għandu jirċievi salarju bażiku ta' grad awtomatiku. Wara servizz ta' seba' snin, is-salarju bażiku ta' dan l-imħallef għandu jiżdied għall-grad ta' promozzjoni [...]"

27. L-Artikolu 43 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jipprevedi:

"Imħallef tal-Qorti Suprema għandu jkun intitolat għal allowance għall-anzjanità li żżid is-salarju bażiku kull sena b'1 %, iżda mingħajr ma jinqabeż l-20 % ta' dan is-salarju. Il-perijodu ta' servizz li fuqu jiddependi l-ammont tal-allowance għandu jinkludi wkoll il-perijodu ta' servizz jew ir-relazzjoni ta' impjieg preċedenti għall-għażla tiegħu għal kariga ġudizzjarja fil-Qorti Suprema, kif ukoll il-perijodi ta' prattika professjonali bħala avukat, konsulent ġuridiku jew nutar."

28. L-Artikolu 50 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jipprevedi:

"Imħallef tal-Qorti Suprema rtirat għandu jkun intitolat għal remunerazzjoni fl-ammont ta' 75 % tas-salarju bażiku u tal-allowance għat-tul ta' servizz rċevuta fil-kariga okkupata l-iktar reċenti. Il-kundizzjonijiet u l-ammonti ta' din ir-remunerazzjoni għandhom jiġu aġġustati kif xieraq għat-tibdiliet fis-salarju bażiku tal-imħallfin tal-Qorti Suprema li għadhom jaħdmu".

### *3. L-Ustawa z dnia 28 stycznia 2016 r. Prawo o prokuraturze (il-Liġi tat-28 ta' Jannar 2016 dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat)*

29. L-Artikolu 127(1) tal-Liġi tat-28 ta' Jannar 2016 dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat[17] (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat") jipprevedi, *inter alia*:

"Sakemm ma huwiex previst mod ieħor f'din il-Liġi, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 69 sa 71, l-Artikolu 73, l-Artikolu 74, l-Artikolu 76, l-Artikolu 85(4), l-Artikoli 99 sa 102 u l-Artikolu 104 tal-[Liġi dwar il-Qrati Ordinarji] għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-avukati tal-Istat."

30. Bħala riżultat ta' dan, l-Artikolu 69 tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji japplika għall-età tal-irtirar tal-avukati tal-Istat. Għalhekk, l-età tal-irtirar normali tal-avukati tal-Istat qabel l-emendi magħmulin mil-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 kienet ta' 67 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. L-età tal-irtirar tal-avukati tal-Istat tnaqqset għal 65 sena kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa permezz tal-Liġi tas-16 ta' Novembru 2016. Din l-emenda kellha tidħol fis-seħħ f'Ottubru 2017. Il-punt 2 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 għal darba oħra emenda d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-età tal-irtirar u stabbilixxa din l-età għal 60 sena, fil-każ tan-nisa, u 65 sena, fil-każ tal-irġiel.

17 Dz.U. tal-2016, titlu 177.

31. Fir-rigward ta' benefiċċji għall-avukati tal-Istat irtirati, skont l-Artikolu 127(1) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw imħallfin tal-qrati ordinarji, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 100 tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji japplikaw ukoll.

32. Madankollu, ir-remunerazzjoni nnifisha għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli tal-Artikolu 124 tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. Dan jipprevedi, *inter alia*:

"1. L-ammont ta' remunerazzjoni tal-avukati tal-Istat li jokkupaw karigi ekwivalenti ta' avukati tal-Istat għandu jsirlu distinzjoni skont it-tul ta' servizz jew il-funzjonijiet imwettqa. Is-salarju bażiku tal-avukati tal-Istat distrettwali u reġjonali għandu jkun ekwivalenti għas-salarju bażiku tal-imħallfin ta' dawn l-istess entitajiet tal-qrati ordinarji. Is-salarju bażiku tal-avukati tal-Istat għandu jkun ekwivalenti għas-salarju bażiku tal-imħallfin tal-qorti tal-appell.

Is-salarju bażiku tal-avukati tal-Istat tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Avukat tal-Istat għandu jkun ekwivalenti għas-salarju bażiku tal-imħallfin tal-Qorti Suprema. L-allowances tal-Avukat tal-Istat Nazzjonali u tal-assistenti l-oħra tal-Avukat tal-Istat Ġenerali għandhom ikunu ekwivalenti għall-allowances tal-Ewwel President tal-Qorti Suprema u tal-President tal-Qorti Suprema, rispettivament.

2. Is-salarju bażiku tal-avukati tal-Istat għandu jiġi espress fi gradi, li l-livell tagħhom għandu jiġi ddeterminat permezz tal-applikazzjoni ta' fatturi ta' multiplikazzjoni għall-bażi ta' determinazzjoni tas-salarju bażiku tal-avukati tal-Istat.

[…]

4. Jekk qabel ma assuma kariga ta' avukat tal-Istat, avukat tal-Istat okkupa kariga oħra ta' avukat tal-Istat jew kariga ġudizzjarja oħra ekwivalenti għal din il-kariga, huwa għandu jkun intitolat, fil-kariga l-ġdida tiegħu, għal salarju bażiku fi grad mhux inqas mill-grad li għalih kien intitolat fil-kariga li okkupa preċedentement.

5. Is-salarju bażiku ta' avukat tal-Istat għandu jiġi stabbilit mill-ogħla grad sussegwenti wara l-konklużjoni ta' ħames snin servizz f'kariga ta' avukat tal-Istat partikolari.

[…]"

## III. Il-proċedura prekontenzjuża

33. Fit-28 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-Polonja, li fiha kkontestat il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Artikolu 157 TFUE, mad-Direttiva 2006/54, u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(1) TUE ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017.

34. Permezz ta' ittra tal-31 ta' Awwissu 2017, il-Polonja rrispondiet għal din l-ittra ta' intimazzjoni. Hija kkontestat l-argumenti tal-Kummissjoni.

35. Fit-12 ta' Settembru 2017 il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata lir-Repubblika tal-Polonja li fiha, fuq il-bażi tal-Artikolu 258 TFUE, l-ewwel nett, allegat li, billi stabbilixxiet fil-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, età ta' rtirar differenti għall-imħallfin irġiel u nisa tal-qrati ordinarji, tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), u għall-avukati tal-Istat, il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 157 TFUE, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54.

36. It-tieni nett, il-Kummissjoni allegat li bit-tnaqqis tal-età tal-irtirar, skont il-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, ta' mħallfin fil-qrati ordinarji, u minħabba li tat lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perijodu tal-mandat tal-istess imħallfin, skont il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-istess liġi, ir-Repubblika tal-Polonja kisret l-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta.

37. Fit-12 ta' Ottubru 2017 il-Polonja rrispondiet l-opinjoni motivata, fejn tenniet il-pożizzjoni tagħha li n-nuqqas allegat ta' twettiq ta' obbligu tagħha kien infondat u talbet l-għeluq tal-proċedura.

38. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja għar-raġunijiet li ġejjin (punt 39).

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

39. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'dan ir-rikors skont l-Artikoli 258 TFUE. Hija qiegħda titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– tikkonstata li bl-introduzzjoni, permezz tal-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, ta' età tal-irtirar differenti għall-imħallfin irġiel u nisa tal-qrati ordinarji, tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) u għall-avukati tal-Istat, il-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 157 TFUE, l-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54;

– tikkonstata li billi naqqset, permezz tal-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-imsemmija liġi, l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, u billi tat lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perijodu tal-mandat tal-istess imħallfin, skont il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-istess liġi, il-Polonja kisret l-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta;

– tikkundanna lill-Polonja għall-ispejjeż.

40. Fir-risposta tagħha ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2018, ir-Repubblika tal-Polonja sostniet li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– tiċħad dan ir-rikors fl-intier tiegħu bħala infondat;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri.

## V. L-argumenti tal-partijiet

### *A. Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors*

41. Il-Polonja argumentat fil-kontroreplika tagħha li r-rikors fl-intier tiegħu ma għadx għandu skop, u talbet lill-Kummissjoni tirtira l-ilment tagħha minnufih.

42. Il-Polonja ssostni li l-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 li l-Kummissjoni qiegħda tikkontesta, u li permezz tagħha l-Polonja introduċiet għall-imħallfin tal-qrati ordinarji, tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) u għall-avukati tal-Istat, età tal-irtirar ta' 60 sena għan-nisa u ta' 65 sena għall-irġiel, kif emendata mil-l'ustawa z dnia 12 kwietnia 2018 r. o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych, ustawy o Krajowej Radzie Sądownictwa oraz ustawy o Sądzie Najwyższym (il-Liġi li temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, il-Liġi dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura u l-Liġi dwar is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) tat-

12 ta' April 2018 (iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-12 ta' April 2018")[18]. Skont il-punt 4 tal-Artikolu 1, ta' din il-liġi, li temenda l-Artikolu 69(1) tal-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, l-imħallfin, irrispettivament mis-sess tagħhom, jirtiraw malli jagħlqu 65 sena. L-età tal-irtirar tal-avukati tal-Istat hija stabbilita bl-istess mod, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li, konformement mal-Artikolu 127 tal-Ustawa prawo o prokuraturze (il-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat) tat-28 ta' Jannar 2016[19], id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-imħallfin tal-qrati ordinarji japplikaw *mutatis mutandis* għall-avukati tal-Istat. Fir-rigward tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), l-età tal-irtirar għal dawk li applikaw għaliha ġiet stabbilita permezz tal-Artikolu 37 tal-Ustawa o Sądzie Najwyższym (il-Liġi dwar is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)) tat-8 ta' Diċembru 2017[20], u tikkorrispondi għal 65 kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

43. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-punt 1 tal-Artikolu 13, ikkunsidrat flimkien mal-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, flimkien ma' liġijiet oħra li naqqsu l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, u li taw is-setgħa lill-Ministru għall-Ġustizzja li jiddeċiedi dwar il-perijodu tal-estensjoni tal-mandat ta' mħallef tal-qrati ordinarji, huma ġew suġġetti għal emenda bl-istess mod. Il-punt 4 tal-Artikolu 1 tal-Liġi tat-12 ta' April 2018 emenda l-Artikolu 69(1b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, sabiex ikun il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura li għandu jawtorizza l-perijodu ta' mandat ta' mħallef tal-qrati ordinarji lil hinn mill-età ta' 65 sena. Il-kriterji li għandhom jiġu applikati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura ġew emendati wkoll. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura huwa istituzzjoni kostituzzjonali bir-responsabbiltà li jiggarantixxi l-indipendenza tal-imħallfin u tal-qrati. Konsegwentement, il-fatt li d-deċiżjoni tal-estensjoni tal-perijodu tal-mandat ta' mħallef titħalla f'idejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura ma tistax tammonta għal att li jikkomprometti l-indipendenza tal-imħallfin.

44. Fis-seduta l-aġent tal-Kummissjoni qal li l-Kummissjoni se tkompli bir-rikors tagħha. It-tibdil fil-liġi ma rnexxilux isolvi l-kwistjonijiet kollha mressqa fir-rikors tagħha, u hemm interess espress u importanti f'li tingħata deċiżjoni, indipendentement minn jekk u sa liema punt il-Polonja emendat id-dispożizzjonijiet tagħha mill-opinjoni motivata tal-Kummissjoni.

### *B. Fuq id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess*

#### *1. Il-Kummissjoni*

45. Il-Kummissjoni ssostni li bit-tnaqqis tal-età tal-irtirar ta' 67 għal 60 sena għan-nisa u għal 65 sena għall-irġiel, li seħħ permezz tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, il-Polonja naqset milli taġixxi konformement mal-Artikolu 157 TFUE u l-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 2006/54, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 9(1)(f) tal-istess direttiva, minħabba li l-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 timponi etajiet differenti ta' rtirar tal-imħallfin ibbażati fuq is-sess[21].

46. Il-Kummissjoni tenfasizza li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk arranġament partikolari huwiex sistema professjonali ta' sigurtà soċjali, u għaldaqstant irregolat mid-Direttiva 2006/54 u mhux mid-Direttiva 79/7, il-kwistjoni deċiżiva hija jekk dan huwiex essenzjali għar-relazzjoni ta' impjieg; jiġifieri jekk il-pensjoni hijiex marbuta mar-remunerazzjoni tal-persuna kkonċernata, u għalhekk taqa' taħt l-Artikolu 157 TFUE[22]. Ma hemm l-ebda dubju li l-ħlasijiet magħmulin mal-irtirar skont l-arranġamenti inkwistjoni huma magħmulin minħabba r-relazzjoni ta'

18 Dz. U. tal-2018, titlu 848.

19 Dz. U. tal-2017, titlu 1767 kif emendata.

20 Dz. U. tal-2018, titlu 5.

21 Il-Kummissjoni tagħmel riferiment ukoll għall-Artikoli 1, 2 u 7 tad-Direttiva 2006/54.

22 Sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, Beune (C-7/93, EU:C:1994:350, punt 46); tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648, punt 28), u tat-13 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-46/07, EU:C:2008:618, punti 40 u 41).

impjieg, mhux għal kunsiderazzjonijiet politiċi, soċjali, etiċi jew baġitarji, bħalma huwa l-każ fir-rigward ta' skemi ta' pensjoni li jaqgħu taħt id-Direttiva 79/7. Għalhekk, il-Polonja hija eskluża milli tinvoka kwalunkwe diskrezzjoni ta' Stat Membru biex tistabbilixxi etajiet differenti ta' rtirar għal irġiel u nisa f'skemi pubbliċi tas-sigurtà soċjali, hekk kif ipprovdut fl-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 79/7.

47. Tliet rekwiżiti huma stabbiliti fil-ġurisprudenza għall-applikazzjoni ta' din l-esklużjoni: il-miżuri rilevanti għandhom jikkonċernaw kategorija partikolari ta' ħaddiema, l-ammonti mħallsa wara l-irtirar għandhom ikunu relatati direttament mal-ammont ta' żmien ta' servizz imwettaq (li l-Kummissjoni ssostni ma għandux għalfejn ikun awtomatiku jew matematiku), u l-ammont tal-ħlasijiet għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tar-remunerazzjoni rċevuta għall-kariga li kienet okkupata l-aħħar. Għall-Kummissjoni, dawn kollha huma ssodisfatti fir-rigward tal-miżura kkontestata, u fil-fatt l-oġġezzjonijiet tal-Polonja huma limitati għall-argument li l-benefiċċji taħt l-arranġamenti tal-pensjoni inkwistjoni ma humiex direttament marbutin mal-ammont ta' żmien ta' servizz imwettaq.

48. Iktar speċifikament, il-Kummissjoni ssostni, *inter alia*, li l-fatt li d-determinazzjoni tal-benefiċċji mħallsa hija marbuta mas-servizz f'karigi pubbliċi li ma humiex karigi ġudizzjarji jissuġġerixxi, kuntrarjament għall-argumenti tal-Polonja, li l-benefiċċji tal-pensjoni huma fil-fatt relatati mat-tul ta' servizz. L-eżistenza ta' livelli massimi fis-sistema [23] ma tnaqqasx mill-fatt li s-salarju finali, li fuqu huma bbażati l-benefiċċji, huwa ddeterminat mill-grad (li huwa marbut mat-tul ta' servizz) u mill-allowance għall-anzjanità (ukoll marbuta mat-tul ta' servizz). It-tul ta' servizz huwa fattur fundamentali fid-determinazzjoni kemm tal-grad kif ukoll tat-tul speċifiku ta' allowance għat-tul ta' servizz.

49. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li seħħet diskriminazzjoni diretta bi ksur tal-Artikolu 157 TFUE, u tad-Direttiva 2006/54 u tagħmel riferiment b'mod partikolari għall-Artikoli 5(a) u 7(2) tagħha.

50. Il-Kummissjoni ċaħdet l-argumenti tal-Polonja fis-sens li l-eżistenza ta' età tal-irtirar iktar baxxa għan-nisa mill-irġiel hija miżura ta' diskriminazzjoni pożittiva permessa mill-Artikolu 157(4) TFUE u mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54, għaliex il-miżuri kkonċernati ma jassistux lin-nisa fl-avvanzament tal-karrieri tagħhom u f'opportunitajiet ugwali għal promozzjoni [24]. Lanqas ma hemm xi rabta bejn it-trobbija tat-tfal, għaliex din il-liġi tapplika għal nisa li ma kellhomx tfal, jew li ma xtaqux jinterrompu l-karrieri tagħhom wara li kellhom it-tfal. L-irġiel jista' wkoll ikollhom rwol fit-trobbija tat-tfal, iżda huma esklużi mill-età ta' rtirar ta' 60 sena.

### *2. Ir-Repubblika tal-Polonja*

51. Il-Polonja ssostni li l-arranġamenti tal-pensjoni inkwistjoni huma rregolati mid-Direttiva 79/7 u mhux mid-Direttiva 2006/54, bl-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 79/7 li jippermetti lill-Istati Membri jeskludu l-istabbiliment ta' età tal-irtirar u pensjonijiet tal-anzjanità mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-Polonja ssostni sussidjarjament li, anki jekk l-arranġamenti tal-pensjoni inkwistjoni jaqgħu taħt id-Direttiva 2006/54, dawn huma miżura ta' diskriminazzjoni pożittiva permessa mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54 u mill-Artikolu 157(4) TFUE.

23 Il-Kummissjoni tagħmel riferiment għas-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648, punt 78), u tat-23 ta' Ottubru 2003, Schönheit u Becker (C-4/02 u C-5/02, EU:C:2003:583, punt 20).

24 Il-Kummissjoni tagħmel riferiment għas-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 1995, Kalanke (C-450/93, EU:C:1995:322); tal-11 ta' Novembru 1997, Marschall (C-409/95, EU:C:1997:533); tat-28 ta' Marzu 2000, Badeck *et* (C-158/97, EU:C:2000:163); tad-19 ta' Marzu 2002, Lommers (C-476/99, EU:C:2002:183); tat-12 ta' Settembru 2002, Niemi (C-351/00, EU:C:2002:480); tat-30 ta' Settembru 2004, Briheche (C-319/03, EU:C:2004:574), u tat-30 ta' Settembru 2010, Roca Álvarez (C-104/09, EU:C:2010:561).

52. Il-Polonja targumenta li t-tieni kriterju mit-tlieta msemmija iktar 'il fuq ma ġiex issodisfatt, u li l-Kummissjoni fundamentalment ma fehmitx l-iskema Pollakka inkwistjoni għad-determinazzjoni tal-benefiċċji tal-pensjoni. It-tul ta' servizz jikkostitwixxi biss rwol sekondarju fid-determinazzjoni tal-benefiċċji.

53. Il-Polonja ssostni li r-rabta neċessarja mat-tul ta' servizz hija assenti għaliex, *inter alia*, il-livell massimu tal-primjum tat-tul ta' servizz ta' 20 % tal-paga bażika previst fil-leġiżlazzjoni għall-avukati tal-Istat u għall-imħallfin tal-qrati ordinarji, japplika kemm jekk l-imħallef għamel għoxrin jew erbgħin sena ta' servizz. L-element primarju għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni huwa s-salarju bażiku. Il-Polonja żżid li l-metodu għall-kalkolu tal-pensjoni mħallsa ma jsemmix sess wieħed minflok l-ieħor, u l-fatt li l-perijodi tas-servizz mwettqa li jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-benefiċċji jinkludu l-karigi ta' servizz pubbliku li ma humiex ġudizzjarji juri li l-benefiċċji tal-pensjoni ma humiex relatati direttament mat-tul ta' servizz. Pensjoni tal-irtirar tista' togħla biss bħala funzjoni tal-bidla fir-remunerazzjoni tal-imħallfin b'mandat, li għalhekk turi li t-tul tas-servizz huwa nieqes mir-rilevanza. Fir-rigward tas-salarju bażiku, dak li jgħodd ma huwiex it-tul ta' servizz iżda l-iskala tar-rati, b'riferiment għall-kariga okkupata, u l-fatturi ta' multiplikazzjoni. Il-promozzjoni wkoll għandha rwol;

54. Fir-rigward ta' azzjoni pożittiva, il-Polonja targumenta li l-pożizzjonijiet għolja fil-ġudikatura huma inqas aċċessibbli għan-nisa minħabba r-responsabbiltajiet tagħhom fit-trobbija tat-tfal. L-irtirar kmieni huwa forma ta' kumpens għal dan l-iżvantaġġ. Il-maġġoranza l-kbira tan-nisa fil-Polonja jkollhom it-tfal, u jrabbu t-tfal b'mod ħafna iktar komuni mill-irġiel, b'detriment għall-karriera tagħhom.

55. Finalment, il-Polonja tagħmel riferiment għall-miżuri tranżitorji fis-seħħ mill-1 ta' Ottubru 2017 sat-30 ta' April 2018, fl-istess ħin mal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 li ppermettew lill-imħallfin jibdew l-irtirar fl-istess età, irrispettivament mis-sess, jiġifieri fl-età ta' 67. Dawn kienu fis-seħħ mill-mument li d-dispożizzjonijiet ikkontestati mill-Kummissjoni kienu fis-seħħ, u pprevedew arranġament tranżitorju, li permezz tiegħu l-imħallfin li kellhom 60 sena (għan-nisa) jew 65 sena (għall-irġiel) mill-1 ta' Ottubru 2017, jew sal-1 ta' April 2018 (jiġifieri sitt xhur wara l-1 ta' Ottubru 2017), sempliċement kellhom jippreżentaw dikjarazzjoni ta' xewqa li jirtiraw ta' 67 sena u ċertifikat mediku li juri l-kompetenza, biex tapplika din l-età ta' rtirar preċedenti. Dan ma kienx suġġett għal awtorizzazzjoni minn xi awtorità. L-unika rekwiżit ieħor kien terminu fis-sens li dawn id-dokumenti kellhom jiġu pprovduti sal-1 ta' April 2018 [25].

## *C. Fuq il-ksur allegat tal-Artikolu 19 TUE ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta*

### *1. Il-Kummissjoni*

56. Il-Kummissjoni targumenta li l-ksur tal-obbligi ta' Stat Membru skont l-Artikolu 19(1) TUE jirriżulta meta liġi ta' Stat Membru twaqqaf qrati li japplikaw dritt tal-Unjoni milli jikkonformaw mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva b'mod sistematiku [26]. Dan huwa importanti b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 267 TFUE [27]. L-obbligi

25 L-Artikolu 26(1) u (2) tal-Ustawa o zmianie ustawy o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li temenda l-Liġi dwar is-Sistemi ta' Pensjoni u l-Fondi ta' Sigurtà Soċjali u ċerti liġijiet oħra) tas-16 ta' Novembru 2016 (Dz. U. tal-2017, titlu 38).

26 Il-Kummissjoni tagħmel riferiment għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 40).

27 *Ibid.*, punti 42 u 43.

marbutin mal-Artikolu 19(1) TUE jinkludu dawk tal-indipendenza, b'mod partikolari meta moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta[28]. Dan japplika irrispettivament minn kwalunkwe mudell għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja li jagħżel l-Istat Membru, fl-eżerċizzju tal-awtonomija proċedurali nazzjonali f'dan il-qasam.

57. Il-Kummissjoni toġġezzjona għal tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin li hija akkumpanjata minn diskrezzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja li jestendiha. Il-Kummissjoni ma toġġezzjonax b'mod usa' għar-regoli kollha li jistabbilixxu relazzjoni bejn il-ġudikatura u l-eżekuttiv.

58. Il-possibbiltà li s-sentenzi tal-qrati ordinarji jiġu appellati ma tiggarantixxix protezzjoni ġudizzjarja effettiva, meta l-indipendenza tal-imħallfin fil-livelli kollha tas-sistema ġudizzjarja ma hijiex iggarantita.

59. Il-kriterji li l-Ministru japplika fit-twettiq ta' din id-deċiżjoni huma vagi, u l-ebda terminu ma huwa stabbilit fid-dritt tal-Istat Membru biex il-Ministru jieħu din id-deċiżjoni; li għalhekk jagħti lill-Ministru diskrezzjoni eċċessiva u setgħa reali biex jinfluwenza mħallfin individwali. Dan jikser il-prinċipju ta' irremovabbiltà tal-imħallfin, element fundamentali tal-indipendenza tagħhom, li għandha tkun kemm personali kif ukoll funzjonali, u għandha tinkludi protezzjoni kontra tneħħija u interferenza mill-eżekuttiv[29]. Dan ma jistax jiġi skużat billi l-età tal-irtirar tiġi bbażata fuq l-età tal-irtirar normali.

*2. Il-Polonja*

60. Il-Polonja ssostni li r-rikors tal-Kummissjoni huwa ġenerali, ipotetiku, astratt, u jikser il-kompetenza tal-Polonja biex torganizza s-sistema tagħha stess għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. L-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 19(1) TUE hija wiesgħa wisq. Iktar minn hekk, l-Artikolu 47 tal-Karta jista' japplika biss meta l-Istati Membri qegħdin jimplimentaw dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta. Dan ma jistax japplika hawnhekk, minħabba l-projbizzjoni għall-użu tal-Karta biex tiġi estiża l-kompetenza tal-Unjoni fl-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 51 tal-Karta. L-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex miżura ta' stħarriġ astratt.

61. L-imħallfin fl-Polonja jgawdu mill-protezzjoni kostituzzjonali ta' età tal-irtirar stabbilita legalment. Ma jirriżulta l-ebda ksur tal-irremovabbiltà tal-imħallfin minħabba li l-Ministru jippresjedi biss fuq il-mistoqsija għal estensjoni. Id-diskrezzjoni tal-Ministru hija limitata mill-Artikolu 69(1b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji. Dan jobbliga lill-Ministru biex jieħu d-deċiżjoni fid-dawl tal-użu razzjonali tal-persunal tal-qrati ordinarji, u l-bżonnijiet li jirriżultaw mill-ammont ta' xogħol ta' qrati differenti. L-imħallfin huma protetti wkoll mid-dritt Pollakk, *inter alia*, biż-żamma tal-istatus ta' mħallef wara l-irtirar, u s-segretezza tad-deliberazzjonijiet.

62. It-tħassib muri mill-Kummissjoni fir-rigward tat-tentazzjoni tal-imħallfin biex jintgħoġbu mill-Ministru għall-Ġustizzja, jew b'mod iktar ġenerali mill-eżekuttiv, jista' jitqajjem fir-rigward tal-liġi fis-seħħ għal ħafna snin li tagħti lill-President tar-Repubblika r-responsabbiltà għall-promozzjonijiet. Is-suġġeriment li l-imħallfin Pollakki huma esposti għar-riskju li jiġu influwenzati huwa offensiv, u hemm miljuni ta' sitwazzjonijiet li fihom il-ġudikatura hija marbuta mal-eżekuttiv. Il-Polonja tinnota li l-mandati tal-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġġeddu kull sitt snin. Jekk dan ma jikkompromettix l-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja, lanqas il-miżuri kkontestati mill-Kummissjoni ma jistgħu jagħmlu dan. Ma jistax ikun permess li jeżistu maġenb xulxin normi differenti għall-Qorti tal-Ġustizzja u għall-Istati Membri.

63. Il-Kummissjoni naqset milli tagħmel analiżi globali tas-sistema ġudizzjarja fil-Polonja u tal-protezzjonijiet kollha tagħha, li hija neċessarja qabel ma jiġi allegat ksur "sistematiku" tal-indipendenza ġudizzjarja. Il-Kummissjoni analizzat biss element wieħed tagħha.

28 *Ibid.*, punti 41.

29 Il-Kummissjoni tagħmel riferiment, *inter alia*, għas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2005, Syfait *et* (C-53/03, EU:C:2005:333, punt 31).

## VI. Analiżi

### *A. Fuq l-ammissibbiltà*

64. L-ewwel nett, jien mhux tal-fehma li r-rikors tal-Kummissjoni ma għadx għandu skop. Qiegħed nagħmel riferiment għal ġurisprudenza stabbilita fis-sens li l-mistoqsija dwar jekk Stat Membru naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 258 TFUE hija ddeterminata mis-sitwazzjoni li kienet teżisti fl-Istat Membru fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata [30], li f'dan il-każ huwa t-12 ta' Ottubru 2017. F'din id-data, il-Polonja rrispondiet fis-sens li ma kinux se jittieħdu miżuri (ara l-punt 37 iktar 'il fuq). It-tibdiliet fil-liġi li fuqhom tibbaża l-Polonja biex issostni li kwalunkwe ksur allegat tal-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni, fi kwalunkwe każ, ġew ikkoreġuti, jirrigwardaw il-Liġi tat-12 ta' April 2018 (ara l-punti 42 u 43 iktar 'il fuq).

65. Rigward id-dispożizzjonijiet tranżitorji (ara l-punt 55 iktar 'il fuq), u li kienu fis-seħħ fid-data rilevanti tat-12 ta' Ottubru 2017, fir-rigward tal-ewwel ilment dawn jipprovdu eżenzjoni biss għal numru żgħir ta' mħallfin għal perijodu qasir ta' żmien. Iktar minn hekk, l-eżistenza ta' miżuri tranżitorji tmur fil-qofol tad-determinazzjoni dwar jekk il-prinċipji tal-irremovabbiltà u l-indipendenza tal-imħallfin, ġewx miksura, u se jiġu diskussi fil-Parti VI C iktar 'l isfel.

66. Fi kwalunkwe każ, bħalma kien il-każ fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18), hemm interess qawwi għall-Istati Membri, l-individwi, u l-Unjoni biex il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni fl-ilment quddiemha. Din is-sentenza, bħas-sentenza pendenti fil-Kawża C-619/18, se tibni fuq l-osservanza tal-istat tad-dritt fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, u tipprovdi gwida dwar dak li huwa meħtieġ sabiex dan jiġi protett. Din se tikkjarifika wkoll il-konfini bejn skemi pubbliċi tas-sigurtà soċjali rregolati mid-Direttiva 79/7, u organi professjonali ta' previdenza rregolati mid-Direttiva 2006/54.

67. It-tieni lment tal-Kummissjoni huwa għalhekk ammissibbli, ħlief għall-invokazzjoni tagħha tal-Artikolu 47 tal-Karta.

68. It-tieni nett, hawnhekk se nagħmel riferiment għall-punti 52 sa 60 u l-punti 65 sa 67 tal-konklużjonijiet tiegħi tal-11 ta' April 2019 fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18) [31]. Il-Kummissjoni ma ppreżentatx quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 47, minħabba l-assenza ta' materjal dwar kif il-Polonja kienet qiegħda timplimenta d-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta meta hija introduċiet il-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017.

69. Ma' dawn l-osservazzjonijiet se nżid biss billi nenfasizza li, filwaqt li l-Kummissjoni hija inkarigata skont l-Artikolu 17(1) TUE biex "tissorvelja l-implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni", dan bl-ebda mod ma jfisser liċenzja biex testendi "l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti mit-Trattati", kif preklużmit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE. Kif kien il-każ fil-Kawża C-619/18, il-Kummissjoni ma pprovatx torbot l-argumenti tagħha fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta ma' dispożizzjoni tad-dritt Pollakk, li kellha l-għan li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni [32] jew tallega li s-sitwazzjoni li tqajmet fl-ilment tagħha hija min-naħa l-oħra "irregolata" mid-dritt tal-Unjoni [33].

30 Sentenzi tal-4 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-508/03, EU:C:2006:287, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-22 ta' Frar 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-336/16, EU:C:2018:94, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata))

31 EU:C:2019:325.

32 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punti 47 u 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, X u X (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għal sommarju tar-regoli legali dwar meta Stati Membri jkunu qegħdin "jimplimentaw" id-dritt Ewropew skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl f'Gullotta u Farmacia di Gullotta Davide & C. (C-497/12, EU:C:2015:168, punt 55). Ara l-konklużjonijiet iktar reċenti tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawżi magħquda TSN u AKT (C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:459, punti 72 sa 118).

70. Madankollu, nikkonkludi li l-aċċettazzjoni ta' argumenti tal-Kummissjoni fis-sens li t-tifsira tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva skont l-Artikolu 19 TUE tista' tiġi direttament influwenzata mill-Artikolu 47 tal-Karta, tkun minnha nnifisha tammonta għal indħil mhux iġġustifikat fil-kompetenza tal-Polonja fl-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Kif ġie osservat mill-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija [34], bħala interpretu suprem tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha responsabbiltà li tiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-qasam tal-kompetenza tal-Unjoni. Kuntrarjament għall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex, mandat speċifiku sabiex tissanzjona l-ksur kollu tad-drittijiet fundamentali mwettaq minn Stati Membri [35].

71. Madankollu, kif ser nispjega fil-Parti VI C iktar 'il quddiem, din bl-ebda mod ma tippreġudika rikors għal *sorsi ġuridiċi komuni* fid-determinazzjoni ta' jekk il-prinċipju ta' irremovabbiltà tal-imħallfin, u tal-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom, inkisirx f'każ partikolari, irrispettivament minn jekk it-talba inkwistjoni hijiex ibbażata fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, manifestazzjoni speċifika tal-valuri fundamentali riflessi fl-Artikolu 2 TUE, jew is-sitwazzjoni li fiha Stat Membru qed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni, sabiex hekk tiskatta l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 47 tal-Karta u d-dritt għal "qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi".

72. Il-limiti inerenti fil-Karta, jiġifieri li tapplika biss għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni (Artikolu 51(2) tal-Karta) ma jistgħux iwasslu għal sitwazzjoni fejn jiddgħajjef id-dmir tal-Kummissjoni li tipproteġi l-valuri fundamentali tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE [36], li jagħmlu parti mill-wirt kostituzzjonali Ewropew komuni. Azzjonijiet diretti tat-tip istitwiti fl-ilmenti tal-Kummissjoni f'din il-proċedura ma jinvolvux estensjoni tal-kompetenza tal-Unjoni li hija inkonsistenti mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u mal-Artikolu 51(2) tal-Karta.

73. It-tielet nett, il-fatt li l-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 tifforma parti mill-opinjoni motivata tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(1) TUE fir-rigward tal-istat tad-dritt fil-Polonja [37], bl-ebda mod ma jipprekludi l-Kummissjoni milli tippreżenta rikors dirett skont l-Artikolu 258 TFUE. Qiegħed nagħmel riferiment għall-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18) [38], fejn nispjega għalfejn, bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, iż-żewġ proċeduri ma humiex esklużivi għal xulxin [39].

### *B. Fuq l-ewwel ilment*

74. Nikkunsidra li l-Kummissjoni ressqet l-ilment tagħha, prinċipalment minħabba l-interpretazzjoni preskrittiva żżejjed tal-Polonja tar-rekwiżiti, stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għal skema ta' pensjoni biex tiġi kklassifikata bħala waħda li tissodisfa kunsiderazzjonijiet ta' politika soċjali, u għalhekk irregolata mid-Direttiva 79/7 bħala miżura li tappartjeni għas-sigurtà soċjali, iktar milli waħda li tikkonċerna "remunerazzjoni" skont l-Artikolu 157 TFUE, u rregolata mill-projbizzjonijiet f'dan l-artikolu u d-direttivi rilevanti li jirregolaw ir-remunerazzjoni ġusta, f'dan il-każ id-Direttiva 2006/54.

34 C-235/17, EU:C:2018:971. Sentenza tal-21 ta' Mejju 2019 (EU:C:2019:432).

35 *Ibid.*, punt 111.

36 Għal suġġeriment innovattiv dwar ir-rwol iktar sħiħ li ċ-ċittadini tal-Unjoni jista' jkollhom għall-iżgurar ta' infurzar iktar rigoruż tal-valuri fl-Artikolu 2 TUE, ara von Bogdandy, A., Kottmann, M., Antpöhler, C., Dickschein, J., Hentrei, S., u Smrkolj, M., "Reverse Solange – Protecting the essence of fundamental rights against EU Member States", *Common Market Law Review* 42, 2012, p. 489. Għal raġunament kostituzzjonali iktar ċar dwar il-Karta bħala strument sabiex tiġi żgura governanza tajba, ara Frantziou, E., "Constitutional reasoning in the European Union and the Charter of Fundamental Rights: in search of public justification", *European Public Law* 25, 2019, 183.

37 COM(2017)835 final, tal-20 ta' Diċembru 2017.

38 EU:C:2019:325.

39 *Ibid.*, punti 48 sa 51.

75. B'mod iktar partikolari, il-Polonja kienet preskrittiva żżejjed fir-rigward tar-rekwiżit li, sabiex skema ta' pensjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7, il-benefiċċji mħallsa taħt skema ta' pensjoni għandhom ikunu "direttament relatati" mat-tul ta' servizz.

76. Fl-argumenti tal-Polonja hemm nieqsa kwalunkwe analiżi tal-konfini bejn id-Direttivi 2006/54 u 79/7, kif evolviet fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja b'riferiment għat-tifsira ta' "remunerazzjoni" skont l-Artikolu 157 TFUE. Lanqas ma ġew diskussi l-prinċipji usa' li jirregolaw dawn il-konfini, bħala distinti mit-tliet fatturi rilevanti biss għall-iskemi professjonali tas-sigurtà soċjali: (i) jiġifieri, jekk dawn jikkonċernawx kategorija partikolari ta' ħaddiema; (ii) jekk l-ammonti mħallsa wara l-irtirar humiex direttament relatati mal-ammont ta' żmien ta' servizz imwettaq; u (iii) jekk il-benefiċċji humiex ikkalkolati fuq il-bażi tar-remunerazzjoni rċevuta għall-kariga li kienet okkupata l-aħħar.

77. Pereżempju, il-kawża Dimossia Epicheirissi Ilektrismou vs Evrenopoulos, ikkonċernat talba għal pensjoni ta' armel kontra l-awtorità statali Griega tal-elettriku permezz ta' skema privata, li fiha r-rikorrent argumenta li din ġiet miċħuda lilu minħabba s-sess (maskili) tiegħu. Fil-kunsiderazzjoni dwar jekk l-iskema kinitx irregolata mill-predeċessur tal-Artikolu 157 TFUE (jiġifieri l-Artikolu 119 tat-Trattat KEE), jew mid-Direttiva 79/7, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-prinċipju ġenerali importanti li "l-uniċi kriterji deċiżivi possibbli huma jekk il-pensjoni titħallasx lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' impjieg bejnu u bejn il-persuna li kienet timpjegah"[40].

78. Iktar kmieni fil-kawża Beune, li kkonċernat il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess fir-rigward tal-ammont ta' benefiċċji pagabbli skont organi pubbliċi ta' previdenza, l-Avukat Ġenerali Jacobs iddeskriva r-relazzjoni ta' impjieg bħala l-"fattur tassew deċiżiv", filwaqt li enfasizza li "d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja [...] dwar ir-relazzjoni bejn is-sigurtà soċjali u l-Artikolu 119 [KEE], jipprovaw jagħmlu distinzjoni ċara bejn skemi ġenerali ta' sigurtà soċjali u dawk li joperaw fil-qafas tar-relazzjoni ta' impjieg"[41].

79. Ir-rwol essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg ġie enfasizzat ukoll mill-Avukat Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha f'Hlozek[42]. F'tilwima fir-rigward ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u jekk il-pensjoni ta' tranżizzjoni ammontatx għal "remunerazzjoni" skont l-Artikolu 157 TFUE, l-Avukat Ġenerali kkonkludiet li l-istatus tal-allowance jiddependi "biss fuq il-kriterju tal-impjieg" li jista' jiġi dedott minn din l-istess dispożizzjoni[43]. Għall-Avukat Ġenerali, l-unika mistoqsija kienet jekk l-allowance kinitx waħda mħallsa "*fir-rigward ta' impjieg*"[44], filwaqt li enfasizzat ukoll li, ġeneralment, it-tul ta' servizz huwa immaterjali għat-tifsira ta' "remunerazzjoni", kunċett li għandu jiġi interpretat b'mod estensiv[45]. Dan iservi biex jenfasizza li r-rekwiżit tat-"tul ta' servizz" huwa limitat għal tilwim li jikkonċerna benefiċċji mħallsa skont organi ta' previdenza[46], li min-naħa l-oħra jimmilita kontra interpretazzjoni preskrittiva żżejjed tal-frażi "direttament relatati".

40 Sentenza tas-17 ta' April 1997, Evrenopoulos (C-147/95, EU:C:1997:201, punt 19). Din ġiet applikata b'mod konsistenti minn dakinhar. Ara pereżempju, fil-kuntest ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess fir-rigward tal-kalkolu tal-benefiċċji tal-pensjoni tal-imħallfin, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara s-sentenza iktar reċenti tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-559/07, EU:C:2009:198, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Beune (C-7/93, EU:C:1994:173, punti 38 u 42).

42 C-19/02, EU:C:2004:204.

43 *Ibid.*, punt 45. L-Avukat Ġenerali għamlet riferiment għall-formulazzjoni tal-Artikolu 141(2) KE (issa l-Artikolu 157 TFUE) kif ukoll għas-sentenzi tad-9 ta' Frar 1982, Garland (12/81, EU:C:1982:44, punt 5), tas-17 ta' Mejju 1990, Barber (C-262/88, EU:C:1990:209, punt 12), u tad-9 ta' Frar 1999, Seymour-Smith u Perez (C-167/97, EU:C:1999:60, punt 23).

44 *Ibid.* Enfasi fl-oriġinal.

45 *Ibid.*, punt 49.

46 Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, Dittrich *et* (C-124/11, C-125/11 u C-143/11, EU:C:2012:771, punt 38).

80. Għalhekk, huwa taħt l-umbrella tal-prinċipju legali msemmi iktar 'il fuq li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar jekk kunsiderazzjonijiet ta' politika soċjali, ta' organizzazzjoni statali, ta' etika, jew saħansitra baġitarji li influwenzaw, jew setgħu jinfluwenzaw, l-istabbiliment ta' skema partikolari mil-leġiżlatura nazzjonali jirbħux, sabiex skema ta' pensjoni partikolari taqa' taħt id-Direttiva 79/7. It-tliet prinċipji elaborati iktar 'il fuq (punt 76) huma gwida għad-determinazzjoni ta' meta d-Direttiva 79/7 ma tistax tapplika għal skema ta' pensjoni partikolari, iżda fl-istess ħin il-linji gwida ma jistgħux jiġu kkunsidrati f'vakwu maqtugħ mill-*corpus* usa' ta' prinċipji legali rilevanti. Ikolli nżid li dawn jinkludu l-importanza fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni tar-regola primarja li tipprojbixxi trattament inugwali fir-rigward tar-remunerazzjoni [47].

81. Għalhekk, ma nistax nikkonkludi li xi wieħed mit-tliet fatturi li jeskludi organu ta' previdenza mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7 huwa minqux fl-irħam, fis-sens li jista' jimmerita interpretazzjoni fejn anki tbegħid limitat minn xi wieħed minnhom jeħtieġ il-konklużjoni li l-iskema inkwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 79/7, u b'mod iktar partikolari d-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 7(1)(a) tagħha li jiġu stabbiliti etajiet tal-irtirar differenti għall-irġiel u għan-nisa [48].

82. Il-Polonja ma pprovatx tispjega kif l-iskema inkwistjoni hija differenti mid-deċiżjonijiet li fihom, ir-rekwiżit li benefiċċji tal-pensjonijiet imħallsa jkunu "relatati direttament" mat-tul ta' servizz, ġie stabbilit bħala ssodisfatt. Għandi f'moħħi d-deċiżjonijiet f'kawżi bħal Beune [49] Podesta [50] Griesmar [51] Niemi [52] Schönheit [53] u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja [54]. F'dawn is-sentenzi kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-benefiċċji mħallsa taħt organi ta' previdenza ammontaw għal "ħlas" skont id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni rilevanti għal kull kawża, wara li applikat il-linja gwida tar-relazzjoni diretta mat-tul ta' servizz, flimkien ma' jekk l-iskema tikkonċernax kategorija partikolari ta' ħaddiema, u jekk benefiċċji humiex ikkalkolati b'riferiment għas-salarju finali; l-aħħar żewġ fatturi ma humiex kwistjoni f'dan il-każ [55].

83. Dan kollu jwassalni biex nikkonkludi li għall-benefiċċji taħt organu ta' previdenza huwa neċessarju biss li dawn ikunu bbażati sa ċertu punt sinjifikattiv fuq it-tul ta' servizz, qabel ma jkunu preklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7. Fil-fatt, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li l-benefiċċji tal-pensjoni inkwistjoni f'dan il-każ ġieli varjaw b'riferiment għad-diffikultà tax-xogħol imwettaq, jew id-diffikultà taċ-ċirkustanzi li fihom huma twettqu, ma kienx biżżejjed biex inaqqsu l-applikabbiltà tar-regola li skontha l-benefiċċji mħallsin huma funzjoni diretta tal-perijodu ta' servizz imwettaq [56].

47 Ara l-konklużjonijiet tiegħi f'Safeway (C-171/18, EU:C:2019:272, punt 62), fejn nagħmel riferiment għas-sentenza tat-28 ta' Settembru 1994, Coloroll Pension Trustees (C-200/91, EU:C:1994:348, punt 26).

48 Kif indikat fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Alber fil-kawża Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:117, punt 50). L-Avukat Ġenerali Jacobs fil-konklużjonijiet tiegħu f'Beune (C-7/93, EU:C:1994:173, punt 22), issuġġerixxa analiżi ta' ħames fatturi sabiex tiddetermina jekk ġietx applikata d-diskrezzjoni. Dawn kienu dwar jekk fuq l-iskema għandhiex natura statutorja, jekk tirriżultax minn ftehim, kif hija ffinanzjata, jekk tapplikax għal kategoriji ġenerali ta' impjegati u jekk għandhiex natura supplimentari.

49 Sentenza tat-28 ta' Settembru 1994, Beune (C-7/93, EU:C:1994:350).

50 Sentenza tal-25 ta' Mejju 2000, Podesta (C-50/99, EU:C:2000:288).

51 Sentenza tad-29 ta' Novembru 2001, Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648).

52 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2002, Niemi (C-351/00, EU:C:2002:480).

53 Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Schönheit u Becker (C-4/02 u C-5/02, EU:C:2003:583).

54 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-559/07, EU:C:2009:198).

55 Lanqas ma kien hemm xi diskussjoni dwar kif l-iskema inkwistjoni hija bħall-iskemi inkwistjoni fid-deċiżjonijiet seminali li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li skema ġenerali ta' pensjoni tal-Istat taqa' fid-diskrezzjoni li tħalliet lill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 79/7. Ara pereżempju s-sentenza tas-7 ta' Lulju 1992, Equal Opportunities Commission (C-9/91, EU:C:1992:297).

56 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-559/07, EU:C:2009:198, punt 57). Għall-finijiet ta' kompletezza, qiegħed ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment reċenti ħafna għat-tliet fatturi rilevanti għad-determinazzjoni dwar jekk saritx ir-rabta bejn it-tul ta' servizz u l-benefiċċji tal-irtirar fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Jannar 2019, E.B. (C-258/17, EU:C:2019:17, punt 46), iżda ħalliet din il-mistoqsija fil-punt 47 biex tiġi deċiża mill-qorti tar-rinviju.

84. Għalhekk, fil-frażi "direttament relatata" l-enfasi tinsab fuq "relatata", iktar milli fuq "direttament". Din l-aħħar kelma ma timponix rekwiżit li l-benefiċċju jkun ibbażat jew awtomatikament jew *esklużivament* fuq it-tul ta' servizz, bl-esklużjoni ta' fatturi oħra, bħal dawk imqajma mill-Polonja (u li huma miġbura fil-qosor fil-punt 53 iktar 'il fuq). Dawn jinkludu rikors għal livelli massimi (bħal-livell massimu tal-primjum għas-servizz), l-elementi fattwali li jeħtieġ li jiġu stabbiliti qabel ma salarju jista' jiżdied wara l-irtirar, il-promozzjoni, il-fatturi ta' multiplikazzjoni u l-iskali ta' rati fid-determinazzjoni tas-salarju bażiku. Hawnhekk salarju bażiku huwa sostanzjalment iddeterminat mit-tul ta' servizz (ara l-punti 86 sa 89 iktar 'il fuq). Għalhekk, l-ebda wieħed minn dawn il-fatturi ma jista' jikser rabta bejn it-tul ta' servizz u l-benefiċċji mħallsa.

85. Iktar minn hekk, naċċetta l-argument tal-Kummissjoni fis-sens li l-aċċettazzjoni li karigi pubbliċi mhux ġudizzjarji jiġu inklużi fil-kalkolu tat-tul ta' servizz isostni, minflok jiċħad, il-konklużjoni li l-benefiċċji taħt l-iskema ta' pensjoni inkwistjoni huma direttament relatati mat-tul ta' servizz (ara l-punt 48 iktar 'il fuq). Il-fatt li l-iskema għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-pensjoni ma ssemmix sess wieħed u mhux l-ieħor ma jneħħix id-diskriminazzjoni kontra l-irġiel minħabba li l-età tal-irtirar tagħhom hija iktar tard minn dik tan-nisa.

86. Naċċetta wkoll li l-Kummissjoni għamlet ir-rabta bejn il-benefiċċji mħallsa u t-tul ta' servizz (ara l-punti 46 sa 48 iktar 'il fuq). Qiegħed nagħmel riferiment, pereżempju, għall-Artikolu 91(1) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, li jistabbilixxi li l-livell ta' remunerazzjoni tal-imħallfin huwa ddeterminat mit-tul ta' servizz u għall-Artikolu 91(7) li jistabbilixxi li r-remunerazzjoni għandu jsirilha distinzjoni b'allowance għall-anzjanità (punt 19 iktar 'il fuq). Skont l-Artikolu 91a(3) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, is-salarju bażiku huwa wkoll influwenzat mit-tul tas-servizz (punt 21 iktar 'il fuq). Dispożizzjonijiet statutorji ta' dan it-tip ma jistgħux jiġu skartati b'rikors għal fatturi supplimentari bħal limiti massimi u multiplikaturi (ara l-fatturi msemmija fil-punt 84 iktar 'il fuq), jew inaqqsu mir-realtà statutorja li l-benefiċċji tal-irtirar imħallsa huma bbażati fuq is-salarju finali, b'dan tal-aħħar jiġi rregolat f'grad sostanzjali mit-tul tas-servizz.

87. B'mod partikolari, l-Artikolu 91a(3) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji (punt 20 iktar 'il fuq) jistabbilixxi li s-salarju bażiku ta' mħallef għandu jiġi ddeterminat mill-ogħla grad sussegwenti wara ħames snin servizz f'kariga ta' mħallef partikolari. Dan stabbilixxa r-rabta importanti mat-tul ta' servizz, għaliex, skont l-Artikolu 100(1) (punt 22 iktar 'il fuq), il-kariga okkupata l-aħħar tiddetermina l-benefiċċji tal-pensjoni mħallsa. Madankollu, il-kariga okkupata l-aħħar tkun ta' grad partikolari, li huwa marbut mat-tul ta' servizz. Iktar minn hekk, il-ħlasijiet addizzjonali għall-benefiċċji tal-irtirar elenkati fl-Artikolu 100 (ara l-punt 22 iktar 'il fuq) ma jiksrux ir-rabta bejn it-tul ta' servizz, l-għoti ta' grad, u l-kariga okkupata l-aħħar.

88. Ir-rabta bejn il-grad u t-tul ta' servizz fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema hija stabbilita skont l-Artikolu 42(4) sa (5) tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 (punt 26 iktar 'il fuq), bl-Artikolu 42(5) jistabbilixxi li s-salarju bażiku huwa ddeterminat skont is-sena tad-dħul fis-servizz u miżjud wara seba' snin, filwaqt li l-Artikolu 50 jistabbilixxi li l-benefiċċji tal-pensjoni huma ddeterminati mis-salarji bażiċi u t-tul tal-allowance tas-servizz (punt 28 iktar 'il fuq). L-Artikolu 43 tal-Liġi dwar il-Qorti Suprema tal-2002 jipprevedi allowance għall-anzjanità li hija ddeterminata parzjalment skont it-tul tas-servizz (punt 27 iktar 'il fuq).

89. Fir-rigward tal-avukati tal-Istat, ir-rabta diretta mat-tul ta' servizz hija stabbilita permezz tal-Artikolu 127(1) tal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat (punt 31 iktar 'il fuq), ikkunsidrat flimkien ma' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra li jorbtu l-benefiċċji tal-pensjoni mat-tul ta' servizz. Hawn qiegħed nagħmel riferiment għal, pereżempju, l-Artikolu 124(1) tal-Liġi dwar tal-Avukat tal-Istat (punt 32 iktar 'il fuq), li jistabbilixxi li t-tul ta' servizz huwa fattur fid-determinazzjoni tar-remunerazzjoni. Jista' jsir ukoll riferiment, bħala eżempju, għall-Artikolu 124(4) u (5) (punti 31 u 32 iktar 'il fuq), li skontu karigi preċedenti għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tas-salarju, u fejn it-tul ta' servizz huwa marbut mal-grad.

90. Għal dak li jirrigwarda l-argumenti tal-Polonja rigward diskriminazzjoni pożittiva, huwa suffiċjenti li jiġi enfasizzat li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li l-għan ta' miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva huwa li "jiffavorixxu b'mod speċjali lin-nisa, […] li jtejbu l-kapaċità tagħhom li jikkompetu fis-suq tax-xogħol u li jkollhom karriera taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-irġiel" [57]. Ladarba mħallfin nisa rtirati ma humiex iktar qegħdin jikkompetu fis-suq tax-xogħol jew ifittxu karriera, il-miżuri kkontestati mill-Kummissjoni bl-ebda mod ma jistgħu jammontaw għal miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2006/54 u l-Artikolu 157(4) TFUE. Iktar minn hekk, wieħed irid ikun kawt f'każ ta' regoli li fil-futur se jkomplu jsaħħu d-diviżjoni tradizzjonali tar-rwoli bħala miżuri għall-promozzjoni tal-ugwaljanza [58]. Għalhekk, ir-"remunerazzjoni" msemmija fl-Artikolu 157(4) TFUE ma tistax titqies li fil-futur se tkompli ssaħħaħ tali diviżjonijiet, anki jekk mhux intenzjonalment.

91. Kif ġie argumentat mill-Kummissjoni (punt 50 iktar 'il fuq) il-miżura kkontestata hija nieqsa mid-dettall. Ma hijiex disponibbli għall-irġiel li tilfu opportunitajiet ta' karriera minħabba t-trobbija tat-tfal, u lanqas ma tieħu inkunsiderazzjoni nisa li qatt ma kienu involuti f'dan.

92. Għar-raġunijiet preċedenti, l-ewwel ilment imqajjem mill-Kummisjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala manifestament fondat.

### *C. Fuq it-tieni lment*

#### *1. Regoli legali rilevanti u s-sorsi tagħhom*

93. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Associação Sindical dos Juízes Portugueses [59] li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipproteġi kontra t-tneħħija mill-kariga ta' membri tal-qrati. Huwa jipprovdi garanziji "inerenti għall-indipendenza tal-imħallfin" [60] Irremovibiltà u indipendenza huma marbuta mill-qrib, minħabba li l-ħelsien essenzjali minn influwenzi esterni jirrikjedi ċerti garanziji biżżejjed sabiex jipproteġu lill-persuna minn dawk li għandhom l-inkarigu li jiġġudikaw, bħal garanziji kontra t-tneħħija mill-kariga [61].

94. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Associação Sindical dos Juízes Portugueses u f'deċiżjonijiet oħrajn, li l-garanzija tal-indipendenza hija inerenti fl-inkarigu tal-aġġudikazzjoni [62]. Il-kunċett ta' indipendenza kif protett mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) jippreżumi li l-istanza kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma tkun suġġetta għal ebda rabta ġerarkika jew issuġġettar għal kwalunkwe korp ieħor u mingħajr ma tirċievi ordnijiet jew istruzzjonijiet minn xi ħadd ikun min ikun, u li hija tkun għalhekk protetta minn interventi jew minn pressjonijiet esterni li jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza ta' ġudizzju tal-membri tagħha u li tinfluwenza d-deċiżjonijiet tagħhom [63].

57 Sentenza tat-30 ta' Settembru 2010, Roca Álvarez (C-104/09, EU:C:2010:561, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Roca Álvarez (C-104/09, EU:C:2010:254, punt 47). L-Avukat Ġenerali tirreferi għas-sentenza tad-19 ta' Marzu 2002, Lommers (C-476/99, EU:C:2002:183, punt 41).

59 Sentenza tas-27 ta' Frar 2018 (C-64/16, EU:C:2018:117).

60 *Ibid.* punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata.

61 Sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, EU:C:2006:587, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-koinċidenza bejn il-protezzjoni tal-indipendenza u l-imparzjalità fil-kuntest tal-Artikolu 47 flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE hija evidenti fl-Opinjoni 1/17 tal-Qorti tal-Ġustizzja (seduta plenarja) tal-20 ta' April 2019 u tirreferi għall-punti 202 sa 204 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punti 63 sa 65).

63 Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata). Sentenza tas-7 ta' Frar 2019, Escribano Vindel (C-49/18, EU:C:2019:106, punt 66).

95. L-ilment tal-Kummissjoni fir-rigward ta' mħallfin ta' qrati ordinarji, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jesprimi b'mod konkret l-istat tad-dritt li huwa valur fundamentali tal-Unjoni skont l-Artikolu 2 TUE. Il-qrati ordinarji jistgħu jiddeċiedu kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u jagħmlu rinviji għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE. L-Artikolu 19(1) TUE għalhekk japplika għalihom[64]. Kif tenniet reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja, "kull Stat Membru għandu jiżgura li l-istanzi li, bħala 'qorti', fis-sens iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, jagħmlu parti mis-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tiegħu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva"[65].

96. Minbarra dan nixtieq inżid li l-prinċipji ġenerali jibqgħu sors tad-drittijiet fundamentali,[66] minkejja li ġiet stabbilita l-Karta. Fil-fatt, l-Artikolu 6(3) TUE jistabbilixxi li d-drittijiet fundamentali "jagħmlu parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt ta' l-Unjoni". Kif osservat f'kummentarju partikolari, "koeżistenza tad-diversi sorsi tad-drittijiet fundamentali tiżgura l-għan ta' provvista ta' livell għoli ta' protezzjoni għad-drittijiet tal-individwi"[67]. Għalhekk, il-garanzija tal-istat tad-dritt li tinsab fl-Artikolu 2 u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, u r-rispett għall-irremovibbiltà u l-indipendenza tal-imħallfin inerenti fih, huwa ddeterminat, skont l-Artikolu 6(3) TUE, mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[68], u tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri[69].

97. Għalhekk, jeżisti pont kostituzzjonali bejn l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 19(1) TUE, minħabba li dawn l-istess sorsi huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-kontenut tad-dritt għal "qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi" taħt l-Artikolu 47 tal-Karta. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta huma iktar marbuta bir-relazzjoni tagħhom mal-prinċipji ġenerali tad-dritt. Huma għandhom jiġu interpretati f'armonija magħhom, sabiex il-ġurisprudenza elaborata taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet inevitabbilment tirkeb fuqhom[70].

98. Minkejja dan, jiena konxju mit-tensjoni inerenti għall-Artikolu 6(1) TUE, fis-sens li l-Karta hija, fil-fatt, rikonoxxuta bħala sors ta' drittijiet fundamentali ggarantiti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, filwaqt li l-istess dispożizzjoni wkoll tiddikjara, fit-tieni subparagrafu tagħha, li d-"d-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta m'għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti mit-Trattati"[71].

64 *Ibid.*, punt 40. Ara f'dan is-sens il-punt 63 tal-konklużjonijiet fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:325).

65 Sentenza tas-7 ta' Frar 2019, Escribano Vindel (C-49/18, EU:C:2019:106, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata), u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56, punt 52).

66 Għal diskussjoni reċenti ara Mătuşescu, C., "The scope of application of fundamental rights guaranteed by European Union law on Member States' action; Some jurisprudential landmarks" *Law Review; International Journal of Law and Jurisprudence Open Source Online Publication* (2017), p. 22 sa 24. (http://www.internationallawreview.eu/revista/?rev_id=27).

67 Hofmann, H., u Mihaescu, B., "The relation between the Charter's Fundamental Rights and the unwritten general principles of EU law: Good administration as the test case" 9 (2013) *European Constitutional Law Review*, 73, p. 83. Ara wkoll Lenaerts, K. U Gutiérrez-Fons, J.A., "The place of the Charter in the EU Constitutional Edifice" f'Peers, S., Hervey, T., Kenner, J., u Ward, A., *The EU Charter of Fundamental Rights: A commentary*, Hart Publishing, Oxford, 2014, 1573. Fil-paġna 1575 *et seq.* l-awturi jistabbilixxu "paralleli bejn il-Karta u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni".

68 Ara f'dan ir-rigward, pereżemju QEDB, tas-6 ta' Novembru 2018, Nunes De Carvalho vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punti 144 sa 150); QEDB, tal-25 ta' Settembru 2018, Denisov vs L-Ukraina (CE:ECHR:2018:0925JUD007663911, punti 60 sa 64). Is-suġġett u l-elementi oġġettivi ta' indipendenza u imparzjalità huma riflessi wkoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ara pereżempju s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56, punti 63 sa 65), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għalihom bħala aspetti esterni u interni.

69 Għal analiżi reċenti tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri ara Rossi, L.S. "Droit fondamentaux, primauté et autonomie: la mise en balance entre les principes 'constitutionnels' de l'Union européenne", *RTDE*, 2019.

70 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56).

71 Ara wkoll l-Artikolu 51(2) tal-Karta. Ara s-sentenza reċenti tal-25 ta' Ottubru 2018, Anodiki Services EPE (C-260/17, EU:C:2018:864, punt 38). Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et* (C-198/13, EU:C:2014:2055, punti 32 sa 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

99. Għalhekk jien tal-fehma li għandha tiġi eżerċitata prudenza meta f'rikors dirett jiġi invokat l-Artikolu 47 tal-Karta sabiex tiċċara l-protezzjoni fir-rigward tal-istat tad-dritt previst mill-Artikolu 2 TUE, u l-irrimovabbiltà tal-imħallfin u d-dritt għal qorti indipendenti u imparzjali inerenti għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19 (1) TUE, għall-inqas f'sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru mhux qed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, minkejja l-koinċidenza bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet li inevitabbilment tqum minħabba sorsi komuni

100. Fil-fatt, il-Karta nnifisha ħafna drabi ssir referenza għaliha bħala sors ta' drittijiet fundamentali[72], li ma huwiex sorpriż, minħabba l-istatus mogħti lilha taħt l-Artikolu 6(1) TUE. Madankollu minkejja li l-Karta hija dritt primarju tal-Unjoni, li tirrikorri għaliha bħala sors (dirett) tad-drittijiet fundamentali jilħaq il-limiti tiegħu meta jsir użu mill-Artikolu 51(2) tal-Karta u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE, kif inhu l-każ f'dawn il-proċeduri, minħabba li l-Polonja ma hijiex qed timplimenta d-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta. L-espansjoni tal-kompetenza tal-Kummissjoni tirriżulta, bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u tal-Artikolu 51(2) tal-Karta, kieku kellha tiddependi direttament fuq l-Artikolu 47 tal-Karta.

101. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li s-sorsi tad-drittijiet fundamentali previsti mill-Artikolu 6 TUE huma determinanti, kemm jekk ikun hemm allegat ksur ta' indipendenza u imparzjalità fil-kuntest ta' nuqqas strutturali li għandu jiġi eżaminat taħt l-Artikolu 19(1) TUE, jew f'kuntest li fih Stat Membru qed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni taħt l-Artikolu 51(1) tal-Karta[73], sabiex l-Artikolu 47 isir direttament rilevanti.

*2. Applikazzjoni f'din il-kawża*

102. Il-Kummissjoni ssostni li t-tnaqqis tal-età tal-irtirar ta' mħallfin tal-qrati ordinarji għal 60 sena għan-nisa, u għal 65 sena għall-irġiel, filwaqt li fl-istess ħin tingħata lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa li jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-età tal-irtirar tal-imħalfin affettwati mil-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, huwa inkonsistenti mal-protezzjoni legali effettiva ggarantita mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, anki jekk din id-diskrezzjoni hija limitata mill-Artikolu 69(1b) tal-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji. Din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Ministru biex jieħu d-deċiżjoni fid-dawl tal-użu razzjonali tal-persunal tal-qrati ordinarji, u l-bżonnijiet li jirriżultaw mill-ammont ta' xogħol ta' qrati differenti (punti 17 u 61 iktar 'il fuq). L-imħallfin huma protetti wkoll mid-dritt Pollakk, *inter alia*, biż-żamma tal-istatus ta' mħallef wara l-irtirar, u s-segretezza tad-deliberazzjonijiet (punt 61 iktar 'il fuq). Il-Kummissjoni qiegħda tressaq ukoll dan l-ilment minkejja l-arranġamenti ta' tranżizzjoni identifikati iktar 'il fuq (punt 55).

103. Wasalt għall-konklużjoni li l-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 tonqos milli tiggarantixxi l-irremovibbiltà u l-indipendenza tal-imħallfin, kif protetti mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għar-raġunijiet segwenti. Se nagħmel dan fid-dawl tal-importanza tal-bżonn li jiġu kkontestati miżuri li jikkompromettu l-indipendenza istituzzjonali jew operazzjonali tal-imħallfin[74].

72 Ara, reċentement, pereżempju Frantziou, E., "Constitutional reasoning in the European Union and the Charter of Fundamental Rights: in search of public justification", *European Public Law* 25, 2019, 183, p. 188; Lenaerts, K. u Gutiérrez-Fons, J.A., "The place of the Charter in the EU Constitutional Edifice" f'Peers, S., Hervey, T., Kenner, J., u Ward, A., *The EU Charter of Fundamental Rights: A commentary*, Hart Publishing, Oxford, 2014, 1573, p. 1576.

73 Noti ta' qiegħ il-paġna 32 u 33 iktar 'il fuq.

74 Ara l-kummentarju għal punt 1.5 ta' *The Bangalore Principles on Judicial Conduct*, Nazzjonijiet Uniti, Vjenna, 2018, p. 39.

104. L-ewwel nett, is-sigurtà tal-mandat huwa hu stess dogma fundamentali ta' strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (iktar 'il quddiem il-"PIDĊP") imfassal biex jiggarantixxi l-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja, li fuqu kkollaboraw l-Istati Membri[75]. Tali strumenti ilhom li ġew stabbiliti bħala sorsi tal-kontenut ta' prinċipji ġenerali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni[76].

105. Għalhekk, ma huwiex insinjifikattiv li l-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti reċentement esprima l-fehma li, skont l-Artikolu 14(1) tal-PIDĊP, "garanziji li jirrigwardaw is-sigurtà tal-mandat [tal-imħallfin] huma rekwiżiti għall-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja" u li "kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-eżekuttiv jista' jikkontrolla jew jidderiġi l-ġudikatura hija inkompatibbli mal-Patt"[77] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-Kumitat enfasizza l-importanza ta' "garanziji li jipproteġuhom minn tneħħija diskrezzjonali"[78] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

106. Għalhekk, it-tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin għandu jkun akkumpanjat minn kontrolli ta' sigurtà[79] biex ikun hemm protezzjoni kontra tneħħija *de facto* ta' mħallef[80]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement iddeċidiet li t-tkeċċija ta' mħallfin "għandha tkun iddeterminata b'dispożizzjonijiet leġiżlattivi espressi"[81].

107. Fis-seduta l-Polonja rrikonoxxiet li għallinqas 26 imħallef ġew rrifjutati estensjoni għall-età ta' 70 sena[82] skont il-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017. Fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet mogħtija mill-aġent għall-Polonja waqt is-seduta, dik iċ-ċifra tista' tilħaq 112-il imħallef, skont l-impatt tal-miżuri tranżitorji (ara l-punt 55 iktar 'il fuq).

108. Dan jidher li kellu l-konsegwenza li l-imħallfin nisa ikkonċernati rtiraw seba' snin qabel l-età stabbilita legalment qabel il-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 daħħlet fis-seħħ, jiġifieri 67 sena, u l-imħallfin irġiel ikkonċernati rtiraw sentejn qabel l-età legali għall-irtirar. Din is-sitwazzjoni ma hija akkumpanjata minn l-ebda obbligu min-naħa tal-Ministru li jagħti raġuni għar-rifjut, u l-ebda stħarriġ ġudizzjarju. Dan jiġri wkoll f'kuntest li fih, kif irrikonoxxut mill-aġent tal-Polonja fis-seduta, sal-bidu ta' dan is-seklu, estensjoni lil hinn mill-età legali għall-irtirar għall-età ta' sebgħin sena kienet tiġi deċiża mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura. Mill-2002, il-Ministru għall-Ġustizzja beda jirċievi tali applikazzjonijiet, iżda dawn kellhom jiġu aċċettati fuq il-provvista ta' ċertifikat mediku dwar il-kapaċità għax-xogħol. Sussegwentement, fl-2017, il-Ministru għall-Ġustizzja ġie mogħti d-diskrezzjoni inkwistjoni.

75 Ara pereżempju Kumment Ġenerali Nru 32 dwar l-Artikolu 14 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, CCPR/C/GC/32, ippubblikat fit-23 ta' Awwissu 2007, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, punt 19 u, l-Opinjoni Nru 1 (2001) tal-Kunsill Konsultattiv tal-Imħallfin Ewropej tat-23 ta' Novembru 2001, KKIE (2001) OP Nru 1, tistabbilixxi fil-paġna 13 taħt it-titolu "Mandat – irremovabbiltà u dixxiplina" li "Hija dogma fundamentali tal-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja li l-mandat ikun iggarantit sa età tal-irtirar mandatorja jew it-tmiem ta' terminu fiss tal-uffiċċju" [traduzzjoni mhux uffiċjali] meta tirreferi għall-prinċipju bażiċi tan-NU fuq din il-kwistjoni. Ara wkoll rigward is-sigurtà tal-mandat is-sorsi li ssir referenza għalihom fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq.

76 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża K u B (C-380/17, EU:C:2018:504, punt 44), u pereżempju s-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien (C-244/06, EU:C:2008:85, punt 39).

77 Komunikazzjoni Nru 2203/2012 tas-7 ta' Novembru 2017, Zamora vs Il-Venezwela punt 9.3.

78 *Ibid.*

79 Dwar l-importanza tal-kontrolli ta' sigurtà, ara pereżempju QEDB tas-16 ta' Diċembru 2013, Cooper vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2003:1216JUD004884399, punti 123 sa 126).

80 Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li mħallfin ma jistgħux jiġu mġiegħla jirtiraw kmieni mingħajr il-kunsens tagħhom, pereżempju s-sentenza tad-9 ta' Ġunju 1998, Incal vs It-Turkija (CE:ECHR:1998:0609JUD002267893, punt 67).

81 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56, punt 66).

82 Matul is-seduta, l-aġent għall-Polonja ppreċiża li din kienet l-età sa liema ġew ikkunsidrati estensjonijiet.

109. Fid-dawl ta' dan kollu, obbligu legali li l-Ministru jagħmel użu razzjonali tar-riżorsi tal-qrati ordinarji, flimkien mal-bżonnijiet li jirriżultaw mill-ammont ta' xogħol, u fatturi bħas-segretezza tad-deliberazzjoni tal-imħallfin u l-fatt li l-Kostituzzjoni Pollakka tiggarantixxi età tal-irtirar skont il-liġi minn żmien għal żmien, huma insuffiċjenti bħala kontrolli ta' sigurtà kontra tneħħija *de facto* ta' mħallfin affettwati mil-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017 [83], partikolarment meta dan iseħħ fil-kuntest ta' riforma governattiva ġenerali tal-ġudikatura tat-tip mibdija fil-Polonja [84].

110. Iktar minn hekk, ebda raġuni urġenti jew konvinċenti ta' politika ma ġiet prodotta għat-trasferiment tal-awtorità dwar estensjonijiet mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura għall-Ministru, u lanqas ma ġiet ipprovduta spjegazzjoni adegwata dwar għaliex it-tneħħija ta' mħallef b'ammont ta' xogħol baxx, minflok ma jiġi ttrasferit jew ma tiġi ttrasferita għal qorti ordinarja oħra, kellha tkun l-unika soluzzjoni vijabbli.

111. Fir-rigward tar-rekwiżit tal-indipendenza, l-arranġamenti inkwistjoni f'dan il-każ, bħall-arranġamenti li kkunsidrajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-619/18) [85], ifissru t-trasferiment simultanju għal membru tal-eżekuttiv, u f'dan il-każ xejn inqas mill-Ministru għall-Ġustizzja [86], tas-setgħa li jestendi l-perijodu tal-mandat ta' mħallef, u t-tnaqqis leġiżlattiv tal-età tal-irtirar tal-imħallfin. Dan il-pakkett huwa inkonsistenti mal-element oġġettiv tal-imparzjalità kif protett mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [87]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-indipendenza u l-imparzjalità "jassumu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni ta' l-istanza, il-ħatra, it-terminu tal-funzjonijiet kif ukoll il-kawżi ta' astensjoni, ta' kontestazzjoni u ta' revoka tal-membri tagħha, li jippermettu li jitneħħa kull dubju leġittimu, fl-imħuħ tal-persuni suġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-qrati, fir-rigward ta' l-impermeabbiltà ta' din l-istanza fir-rigward ta' l-elementi esterni u tan-newtralità tagħha fir-rigward ta' l-interessi li taffronta" [88].

112. Dak li huwa kkonċernat hawn ma huwiex assunzjoni ta' nuqqas ta' professjonaliżmu min-naħa tal-imħallfin Pollakki jew li d-deċiżjonijiet tagħhom se jkunu neċessarjament imtappna bil-parzjalità, sakemm hemm pendenti quddiem il-Ministru għall-Ġustizzja deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-mandat, iżda huwa jekk il-pubbliku jistax leġittimament jipperċepixxi l-arranġamenti inkwistjoni bħala li jtappnu l-imparzjalità tal-proċeduri li fihom l-eżekuttiv huwa parti waqt dan il-perijodu sensittiv, perijodu li jista' jkompli għal żmien kunsiderevoli, ladarba l-Ministru għall-Ġustizzja ma huwiex kostrett biż-żmien biex jieħu deċiżjoni [89]. U hawn ukoll, perċezzjoni leġittima ta' parzjalità bħal din fir-rigward tal-perċezzjonijiet pubbliċi hija aggravata bin-nuqqas ta' kontrolli ta' sigurtà, bħat-trasparenza u l-istħarriġ ġudizzjarju [90].

83 Fil-paġna 27 tar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (Kummissjoni ta' Venezia, Opinjoni Nru 904/2017 tal-11 ta' Diċembru 2017), nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq, ġie konkluż li l-"Ministru għall-Ġustizzja ma għandux ikollu s-setgħa diskrezzjonali li jestendi l-mandat ta' mħallef lil hinn mill-età tal-irtirar".

84 Ara n-noti ta' qiegħ il-paġna 5 u 7 iktar 'il fuq.

85 EU:C:2019:325.

86 Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reċentement innotat, fil-kuntest tal-indipendenza tal-ġudikatura, l-importanza dejjem tikber tas-separazzjoni tal-poteri bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura fil-ġurisprudenza tagħha. Pereżempju QEDB, tat-12 ta' Marzu 2019, Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2019:0312JUD002637418, punt 103).

87 Nota ta' qiegħ il-paġna 68 iktar 'il fuq.

88 Sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, EU:C:2006:587, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll Minister for Justice and Equality (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56, punti 66 u 77).

89 Ir-rapporteur speċjali tan-Nazzjonijiet dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati fil-missjoni tiegħu lejn il-Polonja, nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq, irrapporta fil-punt 52 li "in-nuqqas ta' skadenza għall-adozzjoni ta' deċiżjoni tippermetti lill-Ministru għall-Ġustizzja jżomm l-influwenza fuq l-imħallfin ikkonċernati għall-bqija tal-mandat ġudizzjarju tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

90 Il-Kummissjoni ta' Venezia, nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq, ikkonkludiet f'p. 26 li riformi tal-ġudikatura Pollakka, inkluż il-Liġi dwar il-Qrati Ordinarji, "jippermettu li s-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi jindaħlu b'mod sever u estensiv fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u b'hekk joħolqu theddida serja għall-indipendenza ġudizzjarja bħala element ewlieni tal-istat tad-dritt" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara reċentement QEDB, tat-12 ta' Marzu 2019, Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2019:0312JUD002637418, punt 103), dwar jekk il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ivvalutatx jekk ksur tar-regoli nazzjonali applikabbli għall-ħatra ta' mħallfin "ħoloqx riskju reali li l-korpi l-oħra tal-Gvern, b'mod partikolari l-eżekuttiv, eżerċitaw diskrezzjoni żejda li ddgħajjef l-integrità tal-proċess tal-ħatra" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

113. Fir-rigward tal-arranġamenti tranżitorji (ara l-punt 55 iktar 'il fuq), huwa suffiċjenti li jiġi nnotat li dawn ma jinkludux l-imħallfin kollha affettwati mil-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, iżda biss numru żgħir, speċifikament, dawk li kellhom iktar minn 60 sena (nisa) jew 65 sena (irġiel) fil-punt tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi ta' Emenda ta' Lulju 2017, jew li għalqu dik l-età bejn l-1 ta' Ottubru 2017 u l-1 ta' April 2018. Kif konkluż mir-rapporteur speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati fil-missjoni tiegħu lejn il-Polonja[91], huwa meħtieġ li "s-sistema l-ġdida tal-irtirar applikabbli għal imħallfin tal-qrati ordinarji tkun tapplika biss għal imħallfin li assumew il-funzjonijiet tagħhom wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi" [traduzzjoni mhux uffiċjali][92], ikkunsidrata flimkien mat-tneħħija tad-diskrezzjoni ta' estensjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja[93]

114. Nixtieq nagħlaq, madankollu, billi nenfasizza li, fid-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, dak li huwa kkonċernat, fuq livell kostituzzjonali, huwa l-punt sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja, għandha kompetenza biex tissostitwixxi qrati kostituzzjonali nazzjonali u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[94] fl-aġġudikazzjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali. Ir-rispett għall-konfini bejn il-kompetenzi tal-Unjoni, u dawk tal-Istati Membri, huwa importanti għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni bbażat fuq l-istat tad-dritt daqskemm hija l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali[95].

115. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa limitat, fil-kuntest tal-irremovabbiltà u tal-indipendenza tal-imħallfin, għall-korrezzjoni ta' problemi fir-rigward ta' djugħfija strutturali fi Stat Membru partikolari, li huwa l-każ hawn minħabba li l-liġi kkontestata mill-Kummissjoni tolqot livelli sħaħ tal-ġudikatura. Dawn jistgħu jissejħu aħjar bħala nuqqasijiet sistematiċi jew ġeneralizzati[96], li "jikkompromettu l-essenza"[97] tal-irremovabbiltà u l-indipendenza tal-imħallfin.

116. Madankollu, inċidenti individwali jew partikolari ta' ksur tal-irremovabbiltà u l-indipendenza tal-imħallfin għandhom jiġu eżaminati skont l-Artikolu 47 tal-Karta, u dan biss f'kuntesti fejn l-Istati Membri jkunu qegħdin jimplimentaw d-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta. Bħala prinċipju, djugħfija strutturali li tinvolvi addizzjonalment l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni minn Stat Membru għandha tkun iddeterminata miż-żewġ dispożizzjonijiet.

117. Fi kwalunkew każ, għar-raġunijiet preċedenti, it-tieni lment tal-Kummissjoni għandu jiġi kkunsidrat bħala manifestament fondat.

## VII. L-ispejjeż

118. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

91 Rapport tal-5 ta' April 2018, A/HRC/38/38/Add. 1 (nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq).

92 *Ibid.* paragrafu 83.

93 *Ibid.* Ara wkoll l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia (nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq, p. 27).

94 L-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-konklużjonijiet tiegħu f'Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (drittijiet ta' użufrutt fuq artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2018:971, punt 68). Ara wkoll Spaventa, E., "Should we 'harmonize' fundamental rights in the EU? Some reflections about minimum standards and fundamental rights protection in the EU composite constitutional system", *Common Market Law Review*, 997. Fil-paġna 1022, l-awtur jistaqsi kemm "iċ-ċentralizzazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea hija għaqlija".

95 L-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-konklużjonijiet tiegħu f'Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (drittijiet ta' użufrutt fuq artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2018:971, punt 101).

96 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (C-216/18 PPU, EU:C:2018:56, punt 60).

97 *Ibid.*

119. Skont is-soluzzjoni li qiegħed nipproponi, minkejja li l-ilmenti tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli sa fejn dawn huma bbażati fuq l-Artikolu 47 tal-Karta, il-Kummissjoni hija rebbieħa fiż-żewġ ilmenti sa fejn dawn huma bbażati fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 157 TFUE, flimkien mal-Artikoli 5(a) u 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54. Peress li r-Repubblika tal-Polonja tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.

## VIII. Konklużjoni

120. Fid-dawl tal-kunsiderazzjoni preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

(1) tiddikjara li bl-introduzzjoni permezz tal-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 13 tal-Ustawa o zmianie ustawy — Prawo o ustroju sądów powszechnych oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji u ċerti liġijiet oħra) tat-12 ta' Lulju 2017, ta' età tal-irtirar differenti għall-imħalfin irġiel u nisa tal-qrati ordinarji, tal-Qorti Suprema, u għall-avukati tal-Istat, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 157 TFUE flimkien mal-Artikolu 5(a) u l-Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

(2) tiddikjara li bit-tnaqqis permezz tal-punt 1 tal-Artikolu 13 tal-liġi msemmija iktar 'il fuq, tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, u bl-għoti lill-Ministru għall-Ġustizzja tas-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perijodu tal-mandat ta' tali mħallfin, skont il-paragrafi (b) u (c) tal-punt 26 tal-Artikolu 1 tal-istess liġi, ir-Repubblika tal-Polonja kisret l-obbligi tagħha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE;

(3) tiċħad il-kumplament tar-rikors;

(4) tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja tbati l-ispejjeż tagħha stess u dawk sostnuti mill-Kummissjoni.